

# **Sinjali ta' I-EEA 2004**

**Aġġornament ta' l-Aġenzija Ewropea  
għall-Ambjent dwar suġġetti magħżula**



Disinn tal-qoxra: EEA  
Preżentazzjoni: Brandpunkt a/s

### **Avviż legali**

Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea jew ta' l-istituzzjonijiet oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej. La l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u lanqas il-persuni jew kumpaniji kollha li jaġixxu f'isem l-Aġenzija m'huma responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan ir-rapport.

### **Id-drittijiet kollha huma riżervati**

Ebda parti minn din il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta fi kwalunkwe forma jew bi kwalunkwe mezz, kemm elettroniku jew mekkaniku, inkluż il-fotokupjar, l-irrekordjar jew b'kull sistema ta' rkupru ta' informazzjoni maħżuna, mingħajr il-permess bil-miktub tal-proprjetarju tad-dritt ta' l-awtur. Dwar drittijiet ta' traduzzjoni jew riproduzzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lill-manigier tal-proġett ta' l-EEA Ove Caspersen (l-informazzjoni dwar l-indirizz tinsab hawn isfel).

Tista' ssib informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea fuq l-Internet. Din tinsab fuq is-server Europa (<http://europa.eu.int>).

Informazzjoni dwar katalogi tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2004

ISBN 92-9167-755-8

ISSN 1830-3048

© EEA, Kopenĥagen 2004

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent,  
Kongens Nytorv 6  
1050 Kopenĥagen K  
Id-Danimarka  
Tel. +45 33 36 71 00  
Fax +45 33 36 71 99  
E-mail: [eea@eea.eu.int](mailto:eea@eea.eu.int)  
Internet: <http://www.eea.eu.int>

# Werrej

Lista ta' tabelli grafiċi .....	iv
Daħla.....	1
L-Ewropa fl-2004: Perspettiva ambjentali.....	3
Agrikoltura: L-impatt fuq il-bijodiversità.....	8
Tniġġis ta' l-ilma: amministrazzjoni tan-nitrat.....	10
Natura: Inkabbru kemm jista' jkun il-valur ta' żoni protetti.....	12
Skart ta' l-ippakkjar: Għadu qed jiżdied.....	14
Enerġija sostenibbli: Għad fadal ħafna xi jsir .....	16
Trasport: Prezzijiet bi spiża sħiħa meħtieġa .....	18
It-tniġġis ta' l-arja: jagħmel ħsara għas-saħħa fl-ibliet.....	20
Bidla fil-klima: Evidenza dejjem ikbar ta' l-impatt .....	22
Sorsi ta' informazzjoni.....	24
Kwalità ta' l-informazzjoni.....	26
Aktar qari.....	28
Noti .....	30

## Lista ta' tabelli grafiċi

Tkabbir fil-Popolazzjoni .....	5
Konsum ta' l-enerġija u prodott gross domestiku .....	5
Tendenzi fl-impjeg fl-Ewropa, il-Ġappun u l-Istati Uniti.....	5
Erja ta' art mibnija .....	7
Konsum dirett ta' materjal .....	7
Popolazzjoni urbana.....	7
Infiq fuq l-iżvilupp rurali .....	9
Popolazzjonijiet ta' għasafar.....	9
Żona ta' biedja organika .....	9
Art li tinħarat f'żoni ta' qbid ta' l-ilma tax-xita 'l fuq min-nixxigħat.....	11
Konċentrazzjonijiet ta' nitrat fix-xmajjar .....	11
Konċentrazzjonijiet ta' nitrat fl-ilma ġieri.....	11
Implimentazzjoni tad-direttiva dwar l-ambjenti naturali .....	13
Qbid ta' ħut li jaqbeż il-limiti ta' sigurtà .....	13
Abbondanza ta' zooplankton .....	13
Ġenerazzjoni ta' skart ta' l-ippakkjar.....	15
Proporzjon ta' skart ta' l-ippakkjar riċiklat.....	15
Trattament ta' skart ta' l-ippakkjar.....	15
Progress imbassar lejn il-miri tal-Protokoll ta' Kjoto.....	17
Konsum totali ta' l-enerġija skond it-tip ta' karburant .....	17
Sorsi ta' enerġija rinovabbli bħala porzjon mill-konsum ta' elettriku .....	17
Żieda fl-użu tat-trasport u l-prodott gross domestiku.....	19
Emissjonijiet mit-trasport ta' sostanzi li jniġġsu l-arja.....	19
Il-progress ta' l-ispejjeż relatati mad-distanza għal vetturi li jgħorru merkanzija tqila fuq it-toroq prinċipali .....	19
L-espożizzjoni tal-popolazzjoni urbana għal livelli ta' tniġġis oġhla mill-valuri tal-limitu ta' l-UE .....	21
Emissjonijiet prekursori ta' l-ożonju .....	21
L-espożizzjoni tal-popolazzjoni urbana: varjazzjonijiet ġeografiċi.....	21
Tendenza tat-temperaturi osservata fl-Ewropa .....	23
Bidla medja fil-glaċieri Ewropej.....	23
Bidliet osservati fit-tul ta' l-istaġun tat-tkabbir.....	23

# Daħla

*Sinjali ta' l-EEA huma rapporti annwali li jkopru firxa wiesgħa ta' suġġetti. Tipikament huma mqasma f'madwar 20–30 paġna ta' evalwazzjoni bbażata fuq indikaturi miktuba b'lingwa mhux teknika għal udjenza wiesgħa bi grafika li tgħin it-test. Jiġu ttradotti bil-lingwi kollha ta' l-EEA.*

*Il-messaġġi ewlenin fir-rapport ta' din is-sena jisħqu dwar il-ħtieġa li jsir aktar progress fl-amministrazzjoni ta' l-impatt ambjentali ta' l-agrikoltura, it-trasport u l-enerġija. Dan jista' jinkiseb billi jiżdied l-użu ta' strumenti bbażati fuq is-sugħar sabiex tiġi amministrata d-domanda u sabiex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni (e.ż. għat-trasport), billi ssir bidla aktar estensiva għal sussidji pożittivi (e.ż. għall-agrikoltura) u l-promozzjoni ta' l-innovazzjoni (e.ż. għall-enerġija rinovabbli). Strumenti simili jistgħu jintużaw sabiex jgħinu biex jiġu indirizzati tendenzi mhux sostenibbli fil-ġenerazzjoni ta' skart. Il-benefiċċji indiretti li jinħolqu għall-ambjent u s-saħħa tal-bniedem ikunu multidimensjonali fuq firxa ta' oqsma bħall-bidla fil-klima, it-tniġġis ta' l-arja, il-bijodiversità u l-kwalità ta' l-ilma.*

*L-avvenimenti ewlenin għall-ambjent fl-Ewropa matul l-2003 kienu rrelatati mat-temp u mal-klima. Is-sajf jaħraq ikkaġuna l-mewt ta' madwar 35 000 ruħ, l-aktar fl-Ewropa t'isfel. Il-livelli ta' tniġġiż ta' l-ożonu kienu partikolarment għoljin, waqt li ġew irreġistrati ċirkolazzjonijiet aktar baxxi mis-soltu fid-Danubju, ir-Rhine u xmajjar ewlenin oħrajn, f'kontrast qawwi ma' l-għargħar kbir fis-sajf ta' qabel. In-nirien fil-foresti fis-sajf ta' l-2003 ikkawżaw l-imwiet u swew madwar 925 miljun euro fil-Portugall waħdu. Huwa stmat li fl-Ewropa madwar tliet kwarti tat-telf ekonomiku kkawżat minn avvenimenti katastrofiċi jirriżultaw minn avvenimenti rrelatati mat-temp u mal-klima. Stima ferm konservattiva ta' l-ispiża medja annwali hija ta' madwar 10 biljun EUR u qed tiżdied. Dawn il-figuri jissuġġerixxu li l-amministrazzjoni tar-riżorsi naturali ta' l-Ewropa qed issir dejjem aktar importanti sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà tal-kapital ekonomiku u soċjali ta' l-Ewropa.*

*B'mod ġenerali, l-informazzjoni ambjentali qed titjib iżda għadha mhux tajba biżżejjed sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol ta' sorveljanza tal-bidliet. Per eżempju, l-informazzjoni dwar il-kwalità ta' l-ilma teħtieġ li ssir statistikament aktar rappreżentattiva fuq il-livell tal-ġbir ta' l-ilma tax-xita, waqt li s-sorveljanza tal-kwalità ta' l-arja għal partikoli żgħar (PM<sub>2.5</sub>)teħtieġ li tiġi msaħħa f'żoni urbani. L-informazzjoni dwar l-iskart hija ferm limitata u b'mod ġenerali tbatu minn problemi ta' definizzjonijiet għalkemm l-iskart ta' l-ippakkjar huwa relattivament dokumentat sew. L-informazzjoni dwar l-impatt tal-bidliet fil-klima, kif hija ppreżentata hawnhekk, dwar it-temperatura, il-glaċieri u t-tul ta' l-istaġun tal-fjoritura, hija b'saħħitha u miġbura xjentifikament matul perjodi ta' żmien twal. Jeżisti l-bżonn li tiġi mtejba r-rilevanza u l-utilità ta' informazzjoni f'waqtha.*

*L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent qed taħdem sabiex ittejjeb l-informazzjoni billi tiżgura li jkun hemm kopertura sħiħa fiż-żmien għall-pajjiżi membri kollha u li l-informazzjoni mibgħuta tkun preċiża kemm jista' jkun. Għadha għaddejja ħidma sabiex jittejbu l-metodoloġiji ta' l-indikaturi, b'mod illi jiffukaw l-aktar fuq is-sett ta' indikaturi bażiċi ta' l-EEA ([www.EEA.EU.int/coreset](http://www.EEA.EU.int/coreset)). Is-sett ser jiġi rivedut regolarment u mkabbar bil-mod sabiex ikopri suġġetti li m'humiex indirizzati sew bħalissa, bħall-użu ta' riżorsi, saħħa u kimiċi. Barraminnekk, sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġiet taċ-ċittadini u dawk li jfasslu l-politika għall-Ewropa b'mod aktar effettiv, l-EEA ser tkompli tiżviluppa indikaturi aktar integrati li jgħaqqdu d-dimensjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali kif ukoll id-dimensjoni territorjali.*

*Professoressa Jacqueline McGlade  
Direttriċi Eżekuttiva*

# L-Ewropa fl-2004: Perspettiva ambjentali

**L-ambjent ta' l-Ewropa** għandu jitqies fil-kuntest ta' aġendi soċjo-ekonomiċi, bħall-proċess ta' Lisbona u l-iżvilupp sostenibbli, li għandhom ukoll dimensjoni globali soda. F'Marzu tas-sena 2000 il-Kunsill Ewropew ta' Lisbona stabbilixxa mira strateġika ġdida <sup>(1)</sup> għall-Ewropa. Din ġiet sussegwentement ikkumplimentata f'Gotenburg f'Ġunju ta' l-2001 bi strateġija għall-iżvilupp sostenibbli, iż-żieda ta' dimensjoni ambjentali għall-miri ta' Lisbona u t-twaqqif ta' metodu ġdid fit-tfassil tal-politika <sup>(2)</sup>.

L-ostakli ewlenin għall-progress fil-ħarsien ta' l-ambjent u s-sostenibbiltà huma n-natura kumplessa, inter-settorjali, inter-dixxiplinari u internazzjonali kemm tal-problemi kif ukoll tas-soluzzjonijiet. Dawn il-barrieri huma bbażati fuq nuqqasijiet fl-istrutturi istituzzjonali, in-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' l-impennji li diġà saru (ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, 25–26 ta' Marzu 2004) u n-nuqqas ta' tagħrif u ftehim dwar soluzzjonijiet possibbli fejn jirbaħ kullħadd għall-kisba ta' riżultati sostenibbli. Dawn is-soluzzjonijiet iħaddnu l-kompetittività u l-innovazzjoni, il-koeżjoni soċjali, u l-ħarsien u l-manutenzjoni ta' riżorsi naturali skarsi u ekosistemi prezzjużi.

L-Unjoni Ewropea hija t-tieni l-akbar ekonomija wara l-Istati Uniti, b'firxa vasta ta' assi u sehem ewleni fl-awtorità u l-kontroll globali. L-aġenda ekonomika ta' Lisbona għandha l-għan li twassal għal tkabbir aktar għoli u aktar xogħlijiet ta' kwalità aħjar, iżda l-progress lejn il-miri tagħha m'huwiex konsistenti. It-tkabbir ekonomiku (f'dak li għandu x'jaqsam mal-prodott gross domestiku) fil-15-il stat ta' l-UE il-qadima kien ta' 27 % bejn l-1990 u l-2002, waqt li dak fl-Istati Uniti huwa ta' 41 %. It-tkabbir fl-impjieg f'dawn l-Istati Membri kien ukoll inqas minn dak ta' l-Istati Uniti sa mill-1990, iżda l-produttività tax-xogħol kienet allinjata aktar mill-qrib.

**Il-kompetittività u l-innovazzjoni** huma kondizzjonijiet essenzjali biex it-tkabbir jagħti riżultati sostenibbli għall-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent ta' l-Ewropa. Il-kompetittività ta' l-Ewropa qed titmexxa 'l quddiem minn ftit pajjiżi u 'super-reġjuni', skond l-Indiċi tal-Kompetittività Ewropea għall-2004 (*The European Competitiveness Index 2004*, Robert Huggins Associates, <http://www.hugginsassociates.com>). Fil-ġejjieni, reġjuni ambizzjużi fl-Istati Membri ġodda ta' l-UE huma mistennija li jgħaddu dawk l-anqas kompetittivi fost l-Istati Membri l-qodma. Fuq livell ta' pajjiżi, id-Danimarka u l-Lussemburgu jinsabu fil-quċċata tal-klassifika tal-kompetittività fost l-Istati Membri l-qodma, waqt li Uusimaa fil-Finlandja u Stokkolma jinsabu fil-quċċata ta' l-indiċi reġjonali u huma wkoll l-uniċi reġjuni fl-Unjoni Ewropea li jinsabu fl-indiċi tal-kompetittività dinjija ta' l-2003. In-Norveġja u l-Isvizzera wkoll jagħtu prestazzjoni tajba. Dak li jiddistingwi lil min hu kompetittiv minn dak li huwa inqas kompetittiv huwa l-livell ta' ħolqien ta' għarfien u l-użu tal-kapital uman. Bosta minn dawn il-pajjiżi u reġjuni jagħtu prestazzjoni relattivament tajba wkoll f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ambjentali, li juri li l-għanijiet ekonomiċi u dawk ambjentali jistgħu jintlaħqu flimkien. It-tnaqqis ta' diskrepanzi reġjonali, l-għan ewleni tal-politika ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-koeżjoni, huwa mistenni li jkompli jgħin it-tkabbir 'aħjar' (ara t-Tielet Rapport dwar il-Koeżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, Frar 2004).

It-tkabbir aħjar ifisser ukoll li ntejbu l-produttività tar-riżorsi. Kien hemm żieda żgħira għal kull ras fl-użu ta' materjali fl-ekonomija ta' l-Unjoni Ewropea bejn l-1980 u s-sena 2000. Matul l-istess perjodu, il-prodott gross domestiku ta' l-Ewropa kiber b'mod aktar qawwi (b'56 %), li jindika li kien hemm separazzjoni relattiva bejn l-użu tar-riżorsi u t-tkabbir ekonomiku, immexxi parzjalment bl-innovazzjoni teknoloġika. L-Ewropa tinsab fuq quddiem f'dak li għandu x'jaqsam ma' innovazzjonijiet tat-teknoloġija ambjentali, per eżempju fir-rigward ta' materjali tal-manifattura u proċessi aktar sostenibbli, enerġija rinovabbli u prattiċi dwar trattament ta' skart. Ir-riċerka hija fattur ewlieni sabiex jinżamm il-progress. Il-koerenza u l-mod kif jiġu mmirati r-riżorsi tar-riċerka jistgħu jiġu mtejba u jista' jsir ħafna iżjed sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal ta' dak li diġà jeżisti billi jiġu indirizzati l-ostakli istituzzjonali u politiċi għall-progress. Hemm ħafna x'jista' jinkiseb ukoll jekk issir promozzjoni ta' l-użu ta' kapital ta' riskju fi swieq ta' niċċa li jinsabu fi stadju embrijoniku.

**Il-bidlet soċjali fl-Ewropa** huma mmexxija mit-tkabbir, bidliet demografiċi u l-globalizzazzjoni. Dawn min-naħa tagħhom jinfluwenzaw it-tendenzi fil-konsum u d-deċiżjonijiet dwar l-ippjanar spazjali, fejn it-trasport għandu rwol kruċjali b'mod partikolari fl-ekonomija u ħajjet in-nies. Il-ġid għal kull ras ivarja b'mod sostanzjali bejn il-punent u l-lvant ta' l-Unjoni Ewropea. L-Unjoni ta' wara t-tkabbir għandha 20 % aktar bħala popolazzjoni u 25 % aktar territorju. Madwar tliet kwarti tal-popolazzjoni tgħix fuq 15 % biss ta' l-erja ta' l-art <sup>(3)</sup> u t-tendenzi preżenti ta' l-agglomerazzjoni urbana fir-reġjuni industrijali tat-tramuntana ta' Franza, il-Ġermanja, l-Olanda u l-Belġju huma mistennija jkomplu fil-ġejjieni. Il-persjoni fuq l-agglomerazzjonijiet urbani fl-Ewropa hija mistennija tkompli tiżdied hekk kif in-nies ikompli jippruvaw itejbu l-livell ta' għajxien tagħhom billi jmorru 'l fejn hemm l-akbar opportunitajiet ta' impjieg. Dawn it-tendenzi ser iżidu l-persjoni fuq l-infrastruttura u s-servizzi urbani eżistenti iżda ser joħolqu wkoll opportunitajiet sabiex jinbnew bliet aktar sostenibbli li jakkomodaw aspettattivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali.


F'dan il-kuntest ta' evoluzzjoni, il-popolazzjoni ta' l-Ewropa hija mistennija tiżdied sa l-2020, u minn hemm 'il quddiem ser tistabilizza u mbagħad tonqos. Madanakollu, il-popolazzjoni ta' dawk li huma ta' l-età tax-xogħol (dawk ta' bejn il-15 u l-64 sena) hija mistennija li tibda tonqos xi ftit snin qabel, mill-2010, b'konsegwenzi għas-sosteniment ta' l-impjiegi u l-innovazzjoni. B'mod parallel, ser ikun hemm żieda sostanzjali fl-għadd ta' persuni anzjani (ta' 65 sena 'il fuq). Id-domanda għall-konsum tal-persuni anzjani għandha tendenza li tmur lejn servizzi bħal attivitajiet soċjali u ta' divertiment, inkluż it-turiżmu, li toħloq impatt ambjentali. B'hekk, per eżempju, iż-żieda fenomenali fl-ivvjaġġar bl-ajru, li huwa s-sors ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra li qed jikber b'rata l-aktar mgħaġġla, tirrifletti parzjalment dawn il-bidliet fid-demografija.

Waqt li l-popolazzjoni ta' l-Ewropa ssir aktar stabbli u tixjieħ, l-għadd ta' djar bi gruppi ta' nies li jgħixu taħt saqaf wieħed ser ikompli jiżdied b'rata aktar mgħaġġla. Fl-Unjoni Ewropea l-għadd żdied bi 11 % bejn l-1990 u s-sena 2000 <sup>(4)</sup> u huwa mistenni li jkompli jiżdied. Il-biċċa l-kbira tal-gruppi ta' nies li jgħixu taħt saqaf wieħed huma mistennija li jkunu ta' daqs żgħir, li jirrifletti bidliet soċjali u fl-istil tal-ħajja bħan-numru dejjem jiżdied ta' persuni sseparati u ddivorzjati. Il-gruppi żgħar ta' nies jgħixu taħt saqaf wieħed għandhom tendenza li jkunu anqas effiċjenti minn dawk akbar, billi jeħtieġu aktar riżorsi għal kull ras <sup>(5)</sup>. It-tendenza lejn gruppi iżgħar ta' nies jgħixu taħt saqaf wieħed iżżid ukoll il-persjoni fuq l-art u taġixxi bħala fattur li jwassal għat-tkabbir ta'




**Tkabbir fil-Popolazzjoni**

Il-popolazzjoni ta' l-Ewropa qed tikber aktar bil-mod u qed tixjeh. L-10 pajjiżi ġodda (°) ser isegwu din it-tendenza; il-popolazzjoni tagħhom hija mistennija li tonqos aktar malajr mill-UE-15 wara l-2025. Bosta pajjiżi huma mistennija li jkollhom popolazzjonijiet li jiċkien u sa l-2020. L-eċċezzjonijiet huma r-Renju Unit, Franza u l-Olanda (b'żidiet mistennija ta' 4-5 %) u l-Irlanda fejn hija mbassra żieda ta' 12 %. L-attivitajiet ta' turiżmu u divertiment huma mistennija li jiżdiedu hekk kif il-persuni anzjani jgawdu aktar snin ta' ħajja attiva u b'saħħithom wara li jirtiraw. L-ivvjaġġar bl-ajru fil-preżent, li huwa mmexxi l-aktar mit-turiżmu, qed juri l-aktar rata mgħaġġla ta' żieda mill-mezzi kollha ta' trasport tal-passiġġieri.




**Konsum ta' l-enerġija u prodott gross domestik**

Il-konsum ta' l-enerġija qed jiżdied, iżda aktar bil-mod mill-prodott gross domestik (PGD). Bejn l-1995 u l-2001, il-konsum ta' l-enerġija żdied b'7 % waqt li l-PGD żdied b'16 %. Il-potenzjal kontinwu għat-tifdil fl-enerġija huwa rikonoxxut b'mod wiesa'. Fis-settur tal-provvista ta' l-enerġija l-opportunitajiet għat-titjib jiffokaw fil-futur qarib fuq konverżjoni ulterjuri lejn produzzjoni aktar effiċjenti mħaddma bil-gass naturali, u fil-futur aktar imbiegħed lejn żieda fl-użu ta' sħana u enerġija flimkien u d-diċentralizzazzjoni tal-ġenerazzjoni ta' l-elettriku.



**Tendenzi fl-impjeg fl-Ewropa, il-Ġappun u l-Istati Uniti**

Matul dawn l-aħħar 20 sena, ir-rata ta' tkabbir fl-impjeg fl-Istati Uniti kienet madwar tliet darbiet aktar minn dik fl-UE-15 u kważi erba' darbiet aktar minn dik fl-Ġappun. Bejn l-1999 u l-2002, ir-rata ta' tkabbir kienet l-akbar fl-UE-15 (3.5 %), meta mqabbla ma' l-Istati Uniti (1 %) u l-Ġappun (-2 %). Il-produttività tax-xogħol fl-UE-15 qed tiżdied b'mod konsistenti aktar mgħaġġel mir-rata ta' l-impjeg, tendenza li tinsab ukoll fl-ekonomija Ġappuniża. Fl-Istati Uniti, madanakollu, il-produttività tax-xogħol u r-rata ta' tkabbir fl-impjeg jinsabu qrib ħafna ta' xulxin.



żoni mibnija. Aktar minn 80 % ta' l-Ewropej <sup>(6)</sup> huma mistennija li ser ikunu qed jgħixu f'żoni urbani sa l-2020.

Il-popolazzjoni rurali ta' l-Ewropa, min-naħa l-oħra, qed tonqos u din it-tendenza li ilha tiġi osservata hija mistennija tkompli <sup>(7)</sup>. Id-depopolazzjoni rurali spiss twassal għall-abbandun tar-raba', tendenza li hija ta' theddida partikolari għal żoni ta' valur għoli f'dak li għandu x'jaqsam mal-konservazzjoni tan-natura <sup>(8)</sup>. Iż-żoni semi-naturali u dawk li huma maħduma b'mod estensiv huma ferm vulnerabbli għall-bidliet fl-amministrazzjoni ta' l-art bħall-waqfien tar-rigħi u l-ħsad, li jagħtu sehem importanti għaż-żamma ta' diversità bijoloġika għolja f'dawn iż-żoni.

Dawn il-prattiċi fil-biedja huma spiss ukoll l-aktar marġinali u għalhekk ekonomikament vulnerabbli għal żieda fil-prezzijiet u kompetizzjoni akbar.

**L-amministrazzjoni ta' l-ambjent ta' l-Ewropa** u l-kapital naturali tagħha huma importanti sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul tal-kapital ekonomiku u soċjali tagħha. Għaldaqstant, per eżempju, it-tendenzi demografiki u soċjo-ekonomiki qegħdin jikkontribwixxu sabiex iżidu l-espożizzjoni tas-soċjetà għal ħsara relatata mat-temp u mal-klima permezz ta' fatturi bħal żviluppi ta' djar f'żoni vulnerabbli għall-għargħar u riskji oħrajn. Huwa stmat li fl-Ewropa madwar tliet kwarti tat-telf ekonomiku kkawżat minn avvenimenti katastrofiċi huma relatati mat-temp jew mal-klima. Stima ferm konservattiva ta' l-ispiża medja annwali hija ta' madwar 1- biljun EUR u qed tiżdied.


Il-konsum ta' l-enerġija għadu qed jiżdied, li hija problema kbira fil-kuntast ta' l-impatt fuq il-klima. B'mod partikolari, id-domanda tas-settur domestiku għall-elettriku u t-trasport qed tiżdied minħabba t-tkabbir fil-ġid u l-għadd dejjem jiżdied ta' gruppi iżgħar ta' nies jgħixu taħt saqaf wieħed. It-teknoloġija tat-tarf tal-pajp naqqset l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja mill-ġenerazzjoni ta' l-enerġija, iżda billi l-possibilitajiet qed jidjiegħu għal xi teknoloġiji ewlenin ta' livell baxx ta' karbonju, bħall-enerġija idro-elettrika fuq skala kbira, hemm bżonn li jiġu esplorati alternattivi oħrajn. Dawn jistgħu jinkludu t-tnaqqis tad-domanda billi jiġu implimentati miżuri għall-effiċjenza ta' l-enerġija, li għalihom hemm potenzjal kbir; it-tnaqqis ta' l-ostakli, u t-titjib ta' l-inċentivi, sabiex jiġu adottati teknoloġiji rinovabbli; li jiġu maħsuba mill-ġdid l-alternattivi ta' trasport, u li jiżdied il-finanzjament għar-riċerka dwar teknoloġiji alternattivi.

It-tendenzi fil-ġenerazzjoni ta' l-iskart, li juru l-intensità ta' l-użu ta' riżorsi, m'humix sostenibbli. L-alternattivi ta' trattament u rimi qed jonqsu hekk kif il-kwantitajiet jiżdiedu u t-tħassib dwar l-impatt potenzjali tagħhom jiżdied. Id-deċiżjonijiet dwar fejn għandhom jitqiegħdu l-inċineraturi saru ferm kontroversjali f'ħafna pajjiżi. L-alternattivi għal *landfills* huma spiss limitati minħabba l-ispazju kif ukoll minħabba biża' ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma ġieri u l-impatt tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem. L-istrumenti politiċi preżenti li jindirizzaw l-iskart huma inadegwati u jeħtieġu li jiġu kkomplimentati bi strateġiji li jipromwovu użu ta' riżorsi aktar għaqli billi jinbidlu t-tendenzi tal-produzzjoni u tal-konsum u permezz ta' l-innovazzjoni.

Il-kapitoli li ġejjin jittgħu aktar dawl fuq dawn il-kwistjonijiet u oħrajn rilevanti għall-ambjent u b'mod partikolari l-attivitajiet settorjali ewlenin li għandhom l-akbar impatt — l-agrikoltura, it-trasport u l-enerġija.

**Erja ta' art mibnija**


Iż-żoni mibnija qed jixterdu fl-Ewropa u jiżdiedu b'rata aktar għolja mill-popolazzjoni. Il-biċċa l-kbira taż-żoni l-ġodda nħolqu għad-detriment ta' l-art agrikola, u qed jieħdu wkoll mill-art bil-foresti. Espansjoni ulterjuri aktarx ser tiġi kkawżata b'fatturi bħat-tnaqqis fid-daqs tal-gruppi ta' nies li jgħixu taħt saqaf wieħed, li żżid l-għadd ta' dawn il-gruppi; żieda fid-domanda għat-toroq; u d-depopolazzjoni ta' żoni rurali, li twassal għal influż ta' nies f'żoni urbani diġà mibnija. Iż-żoni mibnija għandhom impatt kbir fuq il-funzjoni tal-ħamrija meta l-ħamrija tal-quċċata titneħħa matul il-kostruzzjoni, jekk jitneħħa l-wiċċ mibni dan ma jirristawrax il-ħamrija għal riżors utli. Dan għandu implikazzjonijiet għall-ħamrija bħala riżors għall-ġenerazzjonijiet futuri.



\* Data għas-sena 2000 jew l-aħħar sena disponibbli


**Konsum dirett ta' materjal**

Il-konsum dirett ta' materjal (KDM) huwa qies tal-materjali użati mill-ekonomija. Huwa indikatur ta' kemm l-UE-15 qed jirnexxilha tersaq lejn il-mira tagħha li tifred l-użu ta' riżorsi mit-tkabbir ekonomiku. Il-KDM żdied bi ftit meta mqabbel mal-livelli tal-bidu tas-snin 80, għal madwar sitt biljun tunnellata fis-sena 2000. Baqa' bejn wieħed u ieħor aktar jew inqas kostanti għal madwar 16-il tunnellata għal kull ras matul it-tieni nofs tas-snin 90. Il-materjali mhux rinovabbli jiddominaw il-KDM: is-sehem tagħhom kien pjuttost kostanti għal madwar 75 % bejn l-1980 u s-sena 2000. Minn dawn, il-minerali tal-kostruzzjoni għandhom l-akbar sehem, u jammontaw għal aktar minn 40 %.



**Popolazzjoni urbana**

Il-popolazzjoni urbana qed tiżdied. Huwa mbassar li 80 % ta' l-Ewropej ser ikunu qed jgħixu f'żoni urbani sa l-2020, u f'seba' pajjiżi l-proporzjon ser ikun 90 % jew aktar. Il-perssonijiet ta' l-iżvilupp urban estensiv (il-firxa urbana) huma magħquda mill-viċin ma' kwistjonijiet ta' trasport u konsum. Il-firxa urbana tista' twassal ukoll għal segregazzjoni ekonomika, li tidher f'żoni ta' abbandun fil-ġewwieni tal-belt u meded ta' art periferali estensivi, spiss bi djar ta' livell baxx ħafna. L-espansjoni urbana tista' tpoġġi pressjoni wkoll fuq il-ġewwieni tal-belt u ż-żoni ħodor urbani, li jistgħu jkunu vulnerabbli għal frammentazzjoni u konverżjoni sakemm ma jiġux protetti b'mod adegwat b'linji ta' gwida dwar l-ippjanar.



## Agrikoltura: L-impatt fuq il-bijodiversità

L-Istati Membri ġodda għandhom żoni konsiderevoli ta' ambjenti semi-naturali u speċji assoċjati ta' interess għall-konservazzjoni, iżda ħafna minn dawn iż-żoni huma mhedda bl-intensifikazzjoni <sup>(10)</sup> jew l-abbandun ta' l-art. L-infiq preżenti fuq l-iżvilupp rurali m'huwiex immirat biżżejjed għaż-żoni ta' bijodiversità sinjura.


Il-pajsaġġ ta' l-Ewropa ġie ffurmat matul is-sekli mill-agrikoltura u ħafna mill-bijodiversità ta' l-Ewropa tiddependi b'xi mod fuq ir-raba'. L-agrikoltura Ewropea għadha diversa ħafna, u tvarja bejn monokulturi kkultivati b'mod intensiv li jpoġġu pressjoni kbira fuq l-ambjent għal żoni semi-naturali kkultivati b'mod intensiv li joħolqu ferm anqas pressjoni. Madanakollu, sa l-2003 is-siti magħżula mill-Istati Membri taħt id-direttivi dwar l-għasafar u l-ambjenti naturali <sup>(11)</sup> koprew inqas minn terz taż-żoni ta' raba' b'valur għoli għan-natura.

Il-politika komuni dwar l-agrikoltura tammonta għal madwar 50 % tal-baġit totali ta' l-Unjoni Ewropea u tinfluwenza l-mod kif il-bdiewa jamministraw l-art u l-bhejjem tagħhom. Is-sussidji fl-imġhoddi ħeġġu l-produzzjoni agrikola intensiva permezz ta' ħlas għal kull tunnellata qamħ jew għal kull ras ta' bhejjem prodotti. Sa mill-bidu tas-snin 90, madanakollu, pagamenti ta' appoġġ fuq id-dħul ħadu post dawn is-sussidji u ġew introdotti miżuri ta' żvilupp aktar rurali, inklużi miżuri importanti għall-ambjent bħal skemi ta' agri-ambjent u appoġġ għal żoni inqas vantaġġjati. Dawn jgħinu biex jiffinanzjaw il-protezzjoni ta' raba' ta' valur għoli għan-natura, li jsejju l-attivitajiet tal-programm LIFE (Nature). Hija meħtieġa żieda fl-appoġġ għal dawn iż-żoni ta' raba' hekk kif it-tnaqqis fil-prezzijiet għall-prodotti agrikoli qed jimbuttaw lill-bdiewa jew biex iżidu l-effiċjenza tal-produzzjoni, li twassal għal intensifikazzjoni u speċjalizzazzjoni ta' l-irziezet, jew li jieqfu mill-biedja. Dawn iż-żewġ tendenzi għandhom konsegwenzi negattivi għall-ambjent, speċjalment fuq il-bijodiversità.

Is-sehem tal-miżuri ta' żvilupp rurali fil-baġit tal-politika agrikola komuni żdied mill-1990 u ammonta għal 13 % (ekwivalenti għal 53 EUR għal kul ettaru) bejn l-2000–2002. Skond il-ftehim ta' adeżjoni l-proporzjon ta' infiq fuq żvilupp rurali fl-għaxar Stati Membri ġodda huwa ferm ogħla minn dak fl-Istati Membri l-qodma, b'madwar nofs in-nefqa totali (ekwivalenti għal EUR 45 għal kull ettaru) bejn l-2004 u l-2006 <sup>(12)</sup>. F'termini assoluti, madanakollu, il-livell ta' nefqa fuq żvilupp rurali huwa simili. Minbarra li jkollha sehem akbar fil-baġit agrikolu totali huwa importanti wkoll li n-nefqa fuq l-iżvilupp rurali, u b'mod partikolari l-iskemi ta' agri-ambjent, tiġi mmirata kif suppost għal żoni ta' bijodiversità għolja.

### Infiq fuq l-iżvilupp rurali


Il-porzjon tal-baġit għall-iżvilupp rurali min-nefqa kollha tal-politika agrikola komuni (PAK) għola bil-mod mill-1991: għall-UE-15 kien hemm medja ta' 9 % (EUR 22 għal kul ettaru) bejn l-1991 u l-1993, li għoliet għal 13 % (EUR 53 għal kul ettaru) bejn l-2000–2002. Xi 30–40 % tal-finanzjament għall-iżvilupp rurali huwa użat għal skemi ta' agri-ambjent iżda l-livelli ta' nfiq ivarjaw ħafna bejn pajjiż u ieħor. Spanja u l-Greċja, per eżempju, nefqu madwar EUR 4 għal kul ettaru fuq skemi ta' agri-ambjent fl-2000–2002 waqt li fil-Finlandja u l-Awstrija ċ-ċifra kienet ta' madwar EUR 80 għal kul ettaru. Aktar minn 70 % taż-żona tal-biedja fil-Finlandja u l-Awstrija hija koperta minn skemi ta' agri-ambjent iżda madwar 5 % biss fi Spanja u l-Greċja.



\* Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u Gwida inkluż il-kofinanzjament ta' l-Istati Membri


### Popolazzjonijiet ta' għasafar

Il-popolazzjonijiet ta' għasafar tar-raba' naqsu sostanzjalment f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin. Din id-data tibda fl-1980 iżda huwa probabbli li kien hemm tnaqqis rapidu wkoll fis-snin 70. Il-popolazzjonijiet ta' għasafar fir-raba' ma naqsux daqstant fl-10 ġodda u t-3 PK daqs kemm naqsu fl-UE-15, l-aktar minħabba l-intensità aktar baxxa tal-biedja fl-Ewropa ċentrali u tal-lvant. L-għasafar li jhobbju artijiet mistagħdra huma tal-passa; l-għadd tagħhom spiss ivarja skond it-temperatura, minħabba li jaslu inqas fi snin kesħin. L-għasafar li jhobbju artijiet mistagħdra huma affettwati wkoll bil-kaċċa u l-ewtrofikazzjoni ta' artijiet mistagħdra.



### Żona ta' biedja organika

Il-biedja organika ma tużax fertilizzanti kimiċi u pestiċidi. Tiddependi minflok fuq demel tal-bhejjem, tidwir ta' l-uċuħ tar-raba', prattiċi addattati ta' kultivazzjoni tal-ħamrija sabiex tiżdied il-fertilità tal-ħamrija u l-qerda tal-pesti u l-mard tal-pjanti. L-agrikoltura organika tagħti anqas ħsad mis-sistemi ta' biedja konvenzjonali iżda tnaqqas ir-riskju ta' tniġġis ta' l-ilma bin-nitrati u tippromwovi b'mod ġenerali t-ktattir ta' annimali selvaġġi. Il-porzjon ta' art organika għadu ferm inqas minn 1 % fil-biċċa l-kbira ta' l-10 ġodda u t-3 PK minħabba ebda jew ftit appoġġ mill-istat u domanda baxxa mill-konsumaturi għal prodotti organiċi. Fl-EEA-31 kollha, madanakollu, iż-żona ta' biedja organika żdiedet b'madwar erbgħa fuq ħamsa bejn l-1997 u s-sena 2000, għal 4.4 miljun ettaru minn 2.4 miljun.



\* EFTA-4 mingħajr l-Isvizzera



## Tniġġis ta' l-ilma: amministrazzjoni tan-nitrat

**It-tniġġis mis-sustanzi li jnixxu mill-art agrikola għadu s-sors ewlieni ta' nitrat fl-ilma. In-nitrati għadhom jagħmlu ħsara lill-ambjent, u jikkontribwixxu għall-ewtrofikazzjoni f'ilmijiet kostali u tal-baħar u tniġġis fl-ilma tax-xorb, speċjalment meta l-ilma ġieri jiġi kkontaminat. Is-suċċess li l-Istati Membri kellhom fil-ġlieda kontra t-tniġġis tan-nitrati kien wieħed imħallat.**

It-tniġġis ta' nitrat huwa kkawżat l-aktar bl-agrikoltura. Flief jekk il-fertilizzant u d-demel jinxtorbu mill-uċuħ tar-raba' jew jitneħħew matul il-ħsad, in-nitrat żejjed jista' jnixxi fl-ilma ġieri kif ukoll fl-ilma tal-wiċċ<sup>(13)</sup>. Madanakollu l-miżuri għat-tnaqqis tat-tniġġis bin-nitrati jistgħu jkunu effettivi. L-akbar titjib seħħ fid-Danimarka, li bdiet programm nazzjonali ta' amministrazzjoni tan-nitroġenu fit-tmiem tas-snin 80. Dan jikkonsisti kemm f'pariri lill-bdiewa kif ukoll ma' l-allokkazzjoni ta' baġit annwali tan-nitroġenu lil kull razzett, li jiġi infurzat permezz ta' kontrolli regolari fuq il-post.


Jista' jkun hemm dewmien sostanzjali qabel ma l-bidliet fil-prattiċi agrikoli jiġu riflessi fil-kwalità ta' l-ilma ġieri, li jiddependi fuq it-tip ta' ħamrija u l-kondizzjonijiet idroġeoloġiċi speċifiċi ta' l-ilma ġieri u s-saff ta' taħt l-art ta' fuqu. Billi l-ilma ġieri jvarja fl-età minn għexieren għal eluf ta' snin (għalkemm l-ilma ġieri użat għax-xorb normalment ikun ta' medja ta' 40 sena), il-prattiċi kurrenti fir-realtà qegħdn iħallu wirt ta' tniġġiż ta' l-ilma ġieri għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin. Madwar terz ta' l-ilma ġieri<sup>(14)</sup> issa jaqbeż il-valuri tal-linja ta' gwida dwar in-nitrati.

L-ispiża tat-tnaqqis tan-nitrat tinsab bejn EUR 50-150 għal kull ettaru fis-sena<sup>(15)</sup>, iżda din hija stmata għal madwar 5 sa 10 darbiet orħos mit-tneħħija tan-nitrat mill-ilma mniġġes. Studju li sar fl-2002<sup>(16)</sup> jistma illi d-denitrifikazzjoni ta' l-ilma għax-xorb fir-Renju Unit tiswa £19 miljun fis-sena u tipproġetta li l-ispiża totali tar-Renju Unit sabiex tilħaq l-istandard ta' l-Unjoni Ewropea għall-ilma tax-xorb<sup>(17)</sup> ser tkun ta' £199 miljun għall-20 sena li ġejjin<sup>(18)</sup>. Huma l-konsumaturi, u mhux dawk li jniġġsu (jiġifieri l-bdiewa), li jħallsu kważi l-ispiża kollha.

Il-prattiċi agrikoli huma fil-preżent inqas intensivi fl-għaxar Stati Membri ġodda ta' l-UE milli fil-15-il stat qadim. Madanakollu, jekk il-biedja ssir aktar intensiva fl-Istati Membri l-ġodda, kif huwa mbassar, il-konċentrazzjoni ta' nitrat fl-ilma tal-wiċċ u dak ġieri tista' tiżdied. L-implimentazzjoni tajba tad-direttiva ta' l-Unjoni Ewropea dwar in-nitrati, appoġġata b'miżuri addizzjonali skond kif meħtieġ, ser tkun essenzjali sabiex jiġi evitat li tinħoloq problema estensiva, fit-tul u li toħloq spiża kbira f'dawn il-pajjiżi matul is-snin li ġejjin.


**Art li tinħarat f'żoni ta' qbid ta' l-ilma tax-xita 'l fuq min-nixxigħat**

Il-konċentrazzjonijiet ta' nitrati fix-xmajjar huma marbuta mal-proporzjon ta' art li tinħarat fiż-żoni ta' qbid ta' l-ilma tax-xita 'l fuq min-nixxigħat; l-ogħla livelli jinsabu hemm fejn jintużaw ammonti kbar ta' fertilizzanti nitroġenużi u demel ta' l-annimali. Fl-2001, il-livelli ta' nitrat fix-xmajjar fejn l-art li tinħarat tkopri aktar minn 50 % taż-żona ta' qbid ta' l-ilma tax-xita 'l fuq min-nixxigħat kienu tliet darbiet ogħla minn żoni ta' qbid ta' l-ilma tax-xita b'kopertura ta' art li tinħarat ta' inqas minn 10 %. L-Istati Membri huma meħtieġa li jinnominaw żoni vulnerabbli għan-nitrati u jimplementaw programmi ta' miżuri sabiex jintlaħaq l-għan tad-direttiva ta' l-UE dwar in-nitrati li tnaqqas it-tniġġis ta' l-ilma kkawżat jew ikkaġunat minn nitrati minn sorsi agrikoli.




**Konċentrazzjonijiet ta' nitrat fix-xmajjar**

It-tniġġis ta' nitrat fix-xmajjar huwa ogħla fl-UE-15 milli fl-10 Stati Membri ġodda (iżda l-inqas fil-pajjiżi Nordiċi). Dan jirrifletti differenzi fl-intensità u l-prattiċi agrikoli. Fl-2000/2001, ix-xmajjar f'14 Stat Membru (minn 24 li kellhom informazzjoni disponibbli) qabżu l-konċentrazzjoni ta' gwida għan-nitrat tad-Direttiva ta' l-UE dwar l-ilma; ħamsa qabżu wkoll il-konċentrazzjoni massima permissibbli. B'mod ġenerali l-konċentrazzjonijiet ta' nitrat fix-xmajjar qed jonqsu: 25 % ta' l-istazzjonijiet ta' monitoraġġ irregiſtraw tnaqqis bejn l-1992 u l-2001. Madanakollu, madwar 15 % ta' l-istazzjonijiet ta' monitoraġġ tax-xmajjar irregiſtraw tendenza ta' żieda fil-konċentrazzjonijiet ta' nitrat matul l-istess perijodu.



**Konċentrazzjonijiet ta' nitrat fl-ilma ġieri**

It-tniġġis ta' nitrat fl-ilma ġieri jidher li huwa stabbli fuq livell Ewropew. Madanakollu, meta d-data tiġi analizzata għal kull pajjiż, 24 % (minn 142) korpi individwali ta' ilma ġieri juru tnaqqis fil-konċentrazzjonijiet ta' nitrat waqt li f'19 % il-konċentrazzjonijiet qed jizjeddu. Iż-żidiet li jispikkaw l-aktar huma fl-Ungerija, l-Isvezja, il-Finlandja u l-Ġermanja. Iż-żidiet jistgħu jew jirriflettu d-dewmien bejn il-bidliet fil-prattiċi agrikoli u l-effetti tagħhom fuq il-kwalità ta' l-ilma ġieri jew juru l-ħtieġa għal miżuri addizzjonali.



## Natura: Inkabbru kemm jista' jkun il-valur ta' żoni protetti

Għal żmien twil, element ewlieni tal-politika dwar id-diversità bijoloġika kien li jiġu nnominati siti għall-protezzjoni ta' speċji u ambjenti naturali li jinsabu fil-periklu, iżda pressjonijiet konfliġġenti fuq l-art disponibbli issa qed jagħmluha diffiċli sabiex jiġu stabbiliti siti ġodda. Il-ġejjieni tal-protezzjoni tan-natura jeħtieġ li jiġu integrati l-konsiderazzjonijiet dwar il-bijodiversità mal-politika settorjali u ambjentali u li titkabbar kemm jista' jkun l-utilità ta' siti protetti eżistenti. Irid isir aktar sabiex tiġi protetta l-bijodiversità marittima.

Sa mis-snin 70, l-għadd ta' siti nazzjonali żdied b'mod sostanzjali hekk kif il-pajjiżi implimentaw b'mod progressiv liġijiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tan-natura. Strumenti internazzjonali u ta' l-Unjoni Ewropea għamluha wkoll obbligatorja li l-pajjiżi jinnominaw siti għall-protezzjoni <sup>(19)</sup>.

B'riżultat ta' dan issa hemm madwar 600 kategorija differenti ta' protezzjoni u aktar minn 42 000 sit protett individwali fil-31 pajjiż membru ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Sat-tmiem ta' l-2003, is-siti nominati bħala żoni speċjali tal-protezzjoni taħt id-direttiva dwar l-għasafar jew proposti bħala siti ta' interess għall-Komunità taħt id-direttiva dwar l-ambjenti naturali kienu jkopru madwar 15 % tat-territorju ta' l-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, inħolqu żoni marittimi protetti fl-ibħra reġjonali kollha u mal-kosti ta' bosta pajjiżi Ewropej. Madankollu, għad hemm nuqqasijiet sostanzjali f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni ta' żoni marittimi u ta' mal-kosta. Iż-żoni marittimi għandhom ikunu protetti skond ir-rikkezza tal-bijodiversità tagħhom, iżda din il-protezzjoni tista' toħloq konflitt ma' użu ieħor inkluż it-tbaħħir u s-sajd. Għaldaqstant, huwa spiss diffiċli li jintlaħaq ftehim dwar livell xieraq ta' protezzjoni u sabiex dan jiġi infurzat.


Iż-żoni protetti ma jistgħux jiġu sostenuti f'iżolament mill-komunitajiet u l-attivitajiet ekonomiċi li jinsabu fihom u madwarhom <sup>(20)</sup>. Sabiex jitkabbar kemm jista' jkun il-valur tagħhom, iż-żoni protetti jeħtieġu li jiġu integrati f'użu aktar wiesa' tal-pajsaġġ u li jiġu konnessi ma' żoni ta' kwalitajiet simili. Il-konnessjoni ta' siti tiżgura li l-ispeċji jkollhom il-possibilità li jibqgħu ħajjin billi jimxu min-naħa għall-oħra skond id-disturbi u l-bidliet fil-klima. In-netwerk ta' Natura 2000 tista' tagħti sehem importanti sabiex tinkiseb din l-integrazzjoni.

Illum hemm inqas skop biex jiġu nnominati siti ġodda hekk kif il-bijodiversità tikkompeti ma' pressjonijiet konfliġġenti u dejjem jikbru għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-art disponibbli. Il-politika ser ikollha tindirizza din il-problema dejjem iżjed billi tkabbar kemm jista' jkun il-valur taż-żoni diġà protetti u billi tintegra l-problemi tal-bijodiversità fil-politika settorjali (e.ż. miżuri agri-ambjentali jew politika sostenibbli dwar il-forestrija) kif ukoll linji politiċi ambjentali oħrajn.




**Implimentazzjoni tad-direttiva dwar l-ambjenti naturali**

Sa minn Novembru ta' l-2003, aktar minn 80 % ta' l-ambjenti naturali u l-ispeċji elenkati fid-direttiva dwar l-ambjenti naturali ta' l-UE kienu koperti b'mod suffiċjenti <sup>(21)</sup> mis-siti proposti mill-Istati Membri. B'mod ġenerali l-progress huwa ta' livell tajjeb; l-Olanda, per eżempju, laħqet livell ta' suffiċjenza ta' 100 %. Il-Ġermanja laħqet livell ta' suffiċjenza ta' 27 % biss sa Novembru ta' l-2003, iżda minn dak iż-żmien 'il hawn intbagħtu abbozzi ta' proposti li, jekk jiġu kkonfermati uffiċjalment, huma mistennija li jirduppraw l-għadd ta' siti u jżidu l-livell ta' suffiċjenza. L-indikatur juri l-progress fil-proponiment ta' siti terrestri għall-protezzjoni ta' l-ambjenti naturali u l-ispeċji mmirati mid-direttiva.




**Qbid ta' ħut li jaqbeż il-limiti ta' sigurtà**

B'kollox, 60 % tal-qbid ta' ħut fl-Ewropa jaqbeż il-limiti ta' sigurtà, jiġifieri l-livelli li meta jinqabżu, il-bijomassa mneħħija bis-sajd ma tkunx tista' tiġi sostitwita bit-tkabbir fil-popolazzjoni. Il-qbid ta' ħut ta' l-ibħra miftuħa jammonta għal kważi żewġ terzi tal-qbid kollu; madwar nofs dawn il-qabdiet imorru lil hinn mil-limiti ta' sigurtà. Il-qbid mis-sajd industrijali jammonta għal 20 % oħra tat-total. Il-ħut għandu rwol integrali fi ħdan l-ambjent marittimu aktar wiesa', li jinsab taħt pressjoni mit-tbaxxir, it-tniġġis, l-ewtrofikazzjoni tal-kosti u l-bidla fil-klima. L-issoktar tat-tendenzi preżenti ta' sajd żejjed probabbilment ser iwassal għal bidliet sostanzjali fl-ekosistema marittima kollha.



**Abbondanza ta' zooplankton**

Fl-aħħar għaxar snin kien hemm bidla sinifikanti fl-abbondanza relattiva ta' zooplankton fil-Baħar tat-Tramuntana. Il-kopepodu *Calanus helgolandicus* ta' l-ilma sħun sar abbondanti għal aktar minn darbtejn mill-ispeċi ta' l-ilma kiesaħ *Calanus finmarchicus*. Din l-informazzjoni turi tendenza ġenerali li l-popolazzjonijiet ta' zooplankton qed jimxu lejn it-tramuntana b'reazzjoni għall-bidliet fil-kondizzjonijiet klimatiċi. L-għamla ta' l-ekosistema marittima ilha tinbidel minn nofs is-snin 80 fil-Baħar tat-Tramuntana, tendenza li taffettwa direttament il-popolazzjonijiet ta' ħut u minħabba f'hekk is-sajd. Il-projezzjonijiet juru li t-tisħin globali ser ibiddel dejjem aktar l-għamla ta' l-ekosistemi u jikkaġuna ċaqliq mill-ispeċji ta' l-ilma sħun lejn latitudnijiet aktar għoljin.



Data dwar żewġ speċji ta' Copepod li jinsabu fl-ilma fietel tal-Baħar Nordiku Ċentrali: *Calanus helgolandicus* u fl-ilma kiesaħ: *Calanus finmarchicus*

## Skart ta' l-ippakkjar: Għadu qed jiżdied

Għal żmien twil il-prevenzjoni kienet l-ogħla prijorità tal-politika ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-iskart; ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid ta' l-iskart għandhom jiġu mħeġġa biss meta l-produzzjoni ta' l-iskart ma tistax tiġi evitata. Madanakollu, l-Ewropa f'it għamlet progress biex tipprevjeni l-iskart ta' l-ippakkjar. Waqt li ħafna pajjiżi laħqu l-miri għar-riċiklaġġ stabbiliti taħt id-direttiva dwar l-ippakkjar ta' l-iskart ta' l-1994, l-ammont ta' skart mill-ippakkjar għadu qed jiżdied.


L-informazzjoni tissuġġerixxi li l-volumi totali ta' skart għadhom qed jiżdiedu fl-Ewropa. L-iskart totali jikkonsisti f'diversi għejun ta' skart. L-akbar huwa l-iskart mill-kostruzzjoni u l-ħatt, iżda l-iskart ta' l-ippakkjar huwa l-iktar wieħed dokumentat sew f'dak li jirrigwarda l-kwantitajiet prodotti u ttrattati. Il-ġenerazzjoni ta' skart mill-ippakkjar hija marbuta mill-qrib mat-tkabbir ekonomiku u t-tendenzi ta' konsum. Mill-1997 sa l-2001 l-ammont ta' skart mill-ippakkjar żdied f'10 mill-15-il Stat Membru qadim, u b'7 % fl-Unjoni Ewropea kollha ta' dak iż-żmien. Il-projezzjonijiet preliminari jissuġġerixxu li l-volumi ta' skart mill-ippakkjar aktarx ser ikompli jiżdiedu b'mod sostanzjali fil-futur <sup>(22)</sup>. Parti minn din iż-żieda tista' tkun attribwita għall-ġenerazzjoni proporzjonalment oġhla ta' skart ta' l-ippakkjar minn gruppi żgħar ta' nies jgħixu taħt saqaf wieħed, iżda wkoll għat-tkabbir tas-suq intern u l-ħtieġa konsegwenti għat-trasport ta' merkanzija ppakkjata. Minħabba l-enfasi dejjem tiżdied fuq is-saħħa u s-sigurtà ta' l-ikel, l-ammont ta' ppakkjar ta' l-ikel qed jiżdied ukoll.

Id-Direttiva dwar l-iskart ta' l-ippakkjar ta' l-Unjoni Ewropea (94/62/KE) tindirizza l-elementi tal-ġestjoni ta' l-iskart ta' l-ippakkjar b'mod ġenerali waqt li tpoġġi enfasi fuq ir-riċiklaġġ u l-irkupru billi tistabbilixxi miri kwantitattivi għat-tnejn. Analiżi inizzjali <sup>(23)</sup> tissuġġerixxi li għal xi pajjiżi (e.ż. l-Italja u l-Irlanda) id-direttiva kellha impatt pożittiv fuq l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni ta' l-iskart ta' l-ippakkjar. Għal xi pajjiżi b'rati għoljin ta' riċiklaġġ u rkupru (e.ż. id-Danimarka u l-Awstrija) <sup>(24)</sup>, madanakollu, il-leġislazzjoni f'it kellha influwenza minħabba li s-sistemi ta' ġestjoni ta' l-iskart tagħhom kienu diġà stabbiliti qabel ma daħlet fis-seħħ. B'mod ġenerali, il-pajjiżi li implimentaw taħlita ta' strumenti kienu dawk li l-aktar irnexxielhom jilħqu l-miri u l-għanijiet tagħhom. Id-direttiva ġiet emendata f'Jannar ta' l-2004 iżda din ma tistabbilixxi ebda mira dwar il-prevenzjoni ta' l-iskart u b'hekk jista' jkollha biss effett indirett fuq il-prevenzjoni ta' l-iskart ta' l-ippakkjar.

Dan l-aħħar ġew espressi dubji dwar kemm ir-riċiklaġġ huwa strateġija soda għall-użu aktar għaqli tar-riżorsi <sup>(25)</sup>, iżda fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ir-riċiklaġġ huwa aħjar għall-ambjent mill-irkupru jew id-disponiment ta' enerġija. Madanakollu, minħabba li l-ispiża tar-riċiklaġġ tiżdied skond il-perċentwal ta' materjal riċiklat, jekk isir paragun bejn l-ispejjeż (inklużi l-ispejjeż esterni) ta' l-alternattivi disponibbli dan aktarx li jillimita l-iskop biex jiżdiedu l-miri tar-riċiklaġġ b'mod kontinwu. L-għan ewlieni għalhekk għandu jkun l-ewwel u qabel kollox li jinholq anqas skart.


**Ġenerazzjoni ta' skart ta' l-ippakkjar**

Bejn l-1997 u l-2001 l-iskart ta' l-ippakkjar totali żdied b'7 % fl-UE-15. Matul is-sena 2000–2001 l-ammont totali naqas ftit, l-aktar minħabba tnaqqis ta' 12 % fi Spanja, iżda għadu kmieni wisq biex wieħed jgħid jekk dan jurix bidla fit-tendenza ta' żieda. Il-kwantitajiet ta' skart ta' l-ippakkjar ivarjaw b'mod sostanzjali bejn pajjiżi u ieħor, aktarx minħabba metodoloġiji ta' kalkolu differenti. B'mod partikolari xi pajjiżi jirrapportaw biss dwar l-erba' materjali ewlenin li dwarhom l-Istati Membri huma meħtieġa li jipprovdu informazzjoni — plastik, ħġieġ, metall u karta. Xi oħrajn jirrapportaw dwar kull tip ta' ppakkjar, inkluż l-injam, li jżid b'mod sostanzjali l-piż totali rreġistrat.




**Proporzjon ta' skart ta' l-ippakkjar riċiklat**

L-Istati Membri kollha laħqu l-mira li jirriċiklaw ta' mill-inqas 25 % ta' l-iskart kollu ta' l-ippakkjar sa l-2001 (il-Greċja, l-Irlanda u l-Portugall ingħataw miri aktar baxxi u termini ta' żmien itwal). Id-direttiva riveduta tgħolli l-mira għar-riċiklaġġ għal mill-inqas 55 % ta' l-iskart kollu ta' l-ippakkjar. Bosta pajjiżi, b'mod partikolari l-10 l-ġodda, għadhom 'il bogħod milli jilħqu dan. Xi wħud, fosthom l-Estonja, Ċipru, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u s-Slovakkja, iżda wkoll l-Irlanda, ser ikollhom bżonn iżidu b'aktar min-nofs il-proporzjon li rriċiklaw fl-2002. L-10 Stati Membri ġodda ngħataw bosta snin żejda sabiex jilħqu l-mira tar-riċiklaġġ.



**Trattament ta' skart ta' l-ippakkjar**

Proporzjon dejjem akbar ta' skart ta' l-ippakkjar jiġi rkuprat. Il-forom ewlenin ta' rkupru huma r-riċiklaġġ u l-inkinerazzjoni għall-produzzjoni ta' l-enerġija. L-użu ta' inkinerazzjoni huwa għoli f'xi pajjiżi, e.ż. id-Danimarka u l-Olanda, waqt li f'oħrajn, e.ż. il-Ġermanja u l-Awstrija, jintużaw aktar ir-riċiklaġġ. Id-direttiva riveduta, li ġiet adottata f'Jannar ta' l-2004, effettivament ser tirrestrinġi l-iskop għall-inkinerazzjoni u metodi oħrajn ta' rkupru minbarra r-riċiklaġġ. F'xi pajjiżi dan ser jeħtieġ bidliet sostanzjali fil-ġbir u l-issortjar ta' l-iskart. Il-miri tad-direttiva għandhom jintlaħqu sat-tmiem ta' l-2008.



\* Estensjoni tat-terminu ta' żmien u miri aktar baxxi

## Enerġija sostenibbli: Għad fadal ħafna xi jsir

Il-konsum totali ta' l-enerġija jibqa' jiżdied b'mod mgħagħgel, u dan jagħmilha diffiċli għall-Ewropa sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha dwar il-bidla fil-klima. Jekk jiġu sfruttati aħjar, l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-għejun ta' enerġija rinovabbli jistgħu jagħtu kontribut kbir għal sistema ta' enerġija aktar sostenibbli. Sabiex dan jintlaħaq ikun hemm bżonn ta' bidliet kbar fl-ekonomija.

Il-konsum totali ta' l-enerġija fil-25 Stat Membru ilu jiżdied sa minn nofs is-snin disgħin u din it-tendenza hija mistennija li tkompli. Il-ħruq ta' karburanti fossili, is-sors ewlieni ta' emmissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra, huwa mbassar li jibqa' l-akbar sors ta' enerġija fl-Ewropa għat-30 sena li ġejjin. Minkejja xi żieda f'termini assoluti, l-enerġija rinovabbli m'hijiex mistennija li żżid is-sehem tagħha b'mod sinifikanti, filwaqt li l-kontribut ta' l-enerġija nukleari hija mbassar li tonqos bħala riżultat ta' moratorji u tal-politika mħaddna minn bosta pajjiżi li din għandha titneħħa bil-mod. It-transizzjoni lejn enerġija sostenibbli teħtieġ żidiet sostanzjali fit-tifdil ta' l-enerġija, l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-produzzjoni ta' enerġija rinovabbli matul is-setturi kollha.


Hemm bżonn ta' żieda sostanzjali fl-enerġija rinovabbli sabiex jintlaħqu l-miri Ewropej u nazzjonali għall-2010 u dan jeħtieġ aktar appoġġ. Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet aktar favorevoli hija ħtieġa ewlenija għaż-żieda fis-sehem tas-suq tagħhom. Hemm bżonn ta' portafoll ta' miżuri politiċi diversi, inkluż l-iffissar ta' miri politiċi `l hinn mill-2010 sabiex jipprovdu sigurtà fl-investment fuq perjodu ta' żmien fit-tul; implimentazzjoni ta' skemi ta' appoġġ; u li jinkisbu prezzijiet tajbin billi jiġu inklużi l-ispejjeż barranin għal kollox fil-prezzijiet ta' l-enerġija (eż. billi jitneħħew sussidji li huma ta' ħsara għall-ambjent).

Aktar appoġġ għal sostanzi li jiġġeddu jmexxi `l quddiem l-innovazzjoni u teknoloġiji ġodda. Id-direttiva dwar is-servizzi ta' l-enerġija proposta dan l-aħħar <sup>(26)</sup> hija pass ieħor fid-direzzjoni t-tajba. Għandha l-għan li tnaqqas il-konsum billi tistabilixxi miri obligatorji għal Stati Membri sabiex jiffrankaw 1 % fis-sena tal-provvista ta' enerġija bejn l-2006 u l-2012 <sup>(27)</sup> <sup>(28)</sup>. Madankollu, minħabba li t-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija milħuq sa mill-1991 jista' jingħadd favur din il-mira, hemm ir-riskju li l-Istati Membri li wrew l-aktar progress ma jħossuhomx obligati li jagħmlu sforzi żejda sostanzjali anki jekk għad għandhom potenzjal ta' effiċjenza ta' l-enerġija li jista' jintuża.

Huwa stmat li illum jeżisti l-potenzjal li titjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija b'modi li jaqtgħu l-ispejjeż b'ta' mill-inqas 20 % fil-15-il Stat Membru qodma ta' l-UE u anki aktar fl-għaxra l-ġodda. Dan il-potenzjal jeħtieġ li jiġi mwettaq sabiex l-Ewropa tersaq lejn futur ta' enerġija sostenibbli.

**Progress imbassar lejn il-miri tal-Protokoll ta' Kjoto**


It-tbassir juri li bil-linji politiċi domestiċi eżistenti u ppjanati, bosta Stati Membri m'humix se jilhq u l-miri miftiehma u l-UE-15 m'humix ser jilhq u l-mira globali tagħhom (- 8 %). L-10 Stati Membri ġodda, fosthom is-Slovenja, issa jbassru li l-linji politiċi u l-miżuri domestiċi ser ikunu biżżejjed sabiex jilhq u l-miri tagħhom. Is-settur bl-akbar żieda mbassra fl-emissjonijiet ta' l-UE-15 huwa t-trasport. Il-programm Ewropew dwar il-bidla fil-klima identifika numru ta' linji politiċi u miżuri mferrxin madwar l-UE (29) li, jekk implimentati għal kollox, għandhom ikunu biżżejjed sabiex jilhq u l-mira ta' l-UE. L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll strumenti oħra taħt il-Protokoll ta' Kjoto sabiex jilhq u l-miri tagħhom (30).



\* Id-Danimarka taġġusta l-informazzjoni dwar l-emissjoni għas-sena 1990 għall-kummerċ ta' l-elettriku. Madankollu, f'dan l-indikatur, qiegħda tiġi ppreżentata informazzjoni mhux aġġustata għad-Danimarka.  
\*\* Il-pajjiżi kollha għandhom jipprovdu tbassir aġġornat fl-2004 lill-Kummissjoni Ewropea


**Konsum totali ta' l-enerġija skond it-tip ta' karburant**

Il-konsum totali ta' l-enerġija fl-UE-25 ilu jżieded sa minn nofs is-snin disgħin u din it-tendenza hija mistennija li tkompli. Fil-preżent, il-karburanti fossili jiddominaw it-taħlita ta' karburanti b'shem ta' 80 %; dan il-proporzjon huwa mistenni li jżieded kemxejn matul it-30 sena li ġejjin. Minkejja xi żidiet f'termini assoluti, m'huwix mistenni li s-siem ta' l-enerġija rinovabbli ser jżieded b'xi mod sinifikanti, filwaqt li l-kontribut ta' l-enerġija nukleari huwa mbassar li jonqos.



**Sorsi ta' enerġija rinovabbli bħala porzjon mill-konsum ta' elettriku**

Il-porzjon ta' l-elettriku li jiġġedded mill-konsum gross ta' elettriku ta' l-UE-25 żdied minn 12 % fl-1990 għal 14 % fl-2001. Hemm bżonn ta' żieda sostanzjali oħra sabiex tintlaħaq il-mira ta' 21 % sa l-2010. Skemi ta' idroenerġija fuq skala kbira jipprovdu ħafna mill-elettriku li fil-preżent qiegħed jiġi prodott minn sorsi li jiġġeddu (madwar 85 %), iżda m'humix ser jikkontribwixxu għal żidiet futuri minħabba konsiderazzjonijiet ambjentali u nuqqas ta' siti disponibbli. Iż-żieda fil-futur fl-elettriku li jiġġedded jeħtieġ li tiġi minn sorsi ta' enerġija rinovabbli oħrajn, bħalma huma r-riħ, il-bijomassa, ix-xemx u l-idroenerġija fuq skala żgħira.





## Trasport: Prezzijiet bi spiża sħiħa meħtieġa

Id-domanda għat-trasport, b'mod speċjali t-trasport bit-triq, qiegħda tiżdied b'pass mgħaġġel ħafna. Din iż-żieda għandha implikazzjonijiet fuq bosta oqsma, inkluż il-konsum ta' l-enerġija, il-bidla fil-klima u s-saħħa tal-bniedem. Is-separazzjoni tad-domanda għat-trasport mit-tkabbir ekonomiku kien għan ewlieni tal-politika tat-trasport ta' l-UE għal bosta snin iżda li għadu ma tax riżultati.

Il-volumi tal-ġarr tal-merkanzija qegħdin jikbru b'mod aktar mgħaġġel mill-ekonomija (madwar 3 % fis-sena meta mqabbel ma' 2 %, għall-15-il Stat Membru qodma) <sup>(31)</sup>. Dan jirrifletti ħafna l-produzzjoni pan-Ewropea kif ukoll it-tendenzi fil-konsum li qegħdin jakkompanjaw l-espansjoni tas-suq intern ta' l-UE. It-trasport tal-passiġġieri qiegħed jiżdied bl-istess rata ta' l-ekonomija. It-trasport bl-ajru qiegħed jiżdied b'6–9 % fis-sena kemm fl-Istati Membri ta' l-UE l-qodma kif ukoll f'dawk ġodda. Fl-istess ħin, il-porzjon mis-suq ta' mezzi oħrajn tat-trasport bħall-ferrovija u x-xarabankijiet qegħdin jiżdiedu biss b'mod marġinali, jew xejn.

Alternattivi għall-ġestjoni ta' l-impatt ambjentali tat-trasport jinkludu l-aġġustament fil-prezzijiet sabiex dawn ipattu għal kollox għall-ispejjeż esterni u l-promozzjoni ta' l-innovazzjoni permezz ta' regolamentazzjoni mtejba u inċentivi finanzjarji. L-aġġustament tal-politika sabiex il-porzjon tas-suq meħud minn kull mezz ta' transport jirrifletti l-impatt ambjentali tiegħu jfisser l-istabbiliment ta' rabta eqreb bejn il-prezzijiet imħallsa mill-utenti u l-ispejjeż totali interni u esterni tat-trasport. Il-prezzijiet huma fattur importanti sabiex tingħata direzzjoni lid-domanda f'ekonomija tas-suq, u fil-każ tat-trasport, kemm il-livell kif ukoll l-istruttura tal-prezzijiet ta' l-utent huma rilevanti. Regolamenti li għandhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet bħal ngħidu aħna t-tniġġis ta' l-arja (eż. partikoli) u ħoss, flimkien ma' inċentivi għall-investment, jistgħu jmexxu l-innovazzjoni lejn trasport aktar nadif, anqas perikoluż u aktar kwiet. Min-naħa l-oħra dan iġin fit-tnaqqis ta' spejjeż esterni.

Hemm ftehim ċar li l-prezzijiet tat-trasport ma jkoprux għal kollox l-ispejjeż esterni kkawżati mill-attivitajiet tat-trasport, għalkemm għad m'hemmx qbil dwar iċ-ċifra preċiża li għandha titħallas. Kontra kull intenzjoni, id-drittijiet varjabbli għat-trasport bit-triq tnaqqsu bejn l-1998 u l-2001. L-aktar element varjabbli importanti kien it-tassazzjoni fuq il-fjuwil, iżda l-prezzijiet tal-fjuwil baqgħu l-istess fi ħdan l-istess medda ta' prezzijiet għal aktar minn 20 sena. L-implimentazzjoni ta' prezzijiet bi spiża sħiħa tista' tgħin fit-tnaqqis ta' l-impatt ambjentali bl-istess mod kif il-kontroll tas-sostanzi li jniġġsu l-arja wassal għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ikkontrollati.

**Żieda fl-użu tat-trasport u l-prodott gross domestiku**



Ma kien hemm ebda suċċess fis-separazzjoni tad-domanda għat-trasport mit-tkabbir ekonomiku, kemm għat-trasport tal-merkanzija kif ukoll għat-trasport tal-passiġġieri. B'madwar 3 % fis-sena, it-trasport tal-merkanzija qiegħed jżied b'pass aktar mgħaġġel mill-prodott gross domestiku (PGD), li qiegħed jżied b'madwar 2 % fis-sena. It-trasport tal-passiġġieri qiegħed jżied bl-istess rata tal-PGD. Ir-raġunijiet huma kumplessi iżda huma ferm marbutin ma' fatturi soċjo-ekonomiċi bħall-espansjoni tas-suq intern ta' l-UE, li hija r-raġuni ewlenija għaż-żieda fit-trasport tal-merkanzija. Fir-rigward tat-trasport tal-passiġġieri, ir-raġunijiet jinkludu żieda fl-użu tal-karozzi għall-ġarr minn post għall-ieħor, bħala divertiment u minħabba t-turiżmu.

**Emissjonijiet mit-trasport ta' sostanzi li jniġġsu l-arja**


L-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju jibqgħu jżiedu filwaqt li d-domanda għat-trasport tegħleb it-titjib f'emissjonijiet relatati ma' l-enerġija. It-tnaqqis fil-partikulati (24 %), tan-nitroġenu (24 %), sostanzi komposti organiċi voltili (47 %) u ċomb (100 %) ġejjin parzjalment minn innovazzjonijiet fit-teknoloġija tat-trattament tal-gass mill-egżost u parzjalment mit-tibdil fil-kompożizzjoni tal-fjuwil. Isir aktar titjib malli jidħlu fis-seħħ regolamenti aktar stretti fis-snin li ġejjin u malli vetturi aktar antiki jinbidlu b'vetturi ġodda. Id-dijossidu tas-sulfur huwa każ differenti: tnaqqis kbir fl-emissjonijiet tat-trasport bit-triq (61 %) ġie meġħlub b'żieda simili fl-emissjonijiet mit-trasport marittimu internazzjonali. B'hekk, fil-fatt, l-espożizzjoni tan-nies għad-dijossidu tas-sulfur tnaqqas iżda mhux l-emissjonijiet totali.

**Il-progress ta' l-ispejjeż relatati mad-distanza għal vetturi li jgħorru merkanzija tqila fuq it-toroq prinċipali**

Il-valur tal-ħlasijiet varjabbli għat-trasport tal-merkanzija fuq it-toroq naqas f'bosta Stati Membri ta' l-UE bejn l-1998 u l-2001. F'termini totali, il-ħlasijiet varjabbli fl-UE-15 waqgħu b'7 % f'dan il-perjodu. Dan huwa parzjalment ir-riżultat tal-protesti f'Settembru 2000 minn kumpaniji tal-ġarr tal-merkanziji, bdiewa u sajjieda kontra ż-żieda fil-preżżijiet tal-fjuwil. It-taxxa fuq id-diżil għadha l-aktar strument importanti f'termini ta' ammonti. Barra minn hekk, bosta pajjiżi ta' l-UE, eż. il-Ġermanja, l-Awstrija u r-Renju Unit, jippjanaw li jintroduċu l-pagamenti bbażati fuq id-distanza. Dawn jgħinu sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż esterni netti tat-trasport bit-triq għall-ambjent.



- \* O, CO<sub>2</sub>, N<sub>2</sub>O, CH<sub>4</sub> (95 % CO<sub>2</sub>)
- \*\* PM<sub>10</sub>
- \*\*\* NO<sub>x</sub>, NMVOCs
- \*\*\*\* SO<sub>x</sub>, NO<sub>x</sub>, NH<sub>3</sub>



Drittijiet varjabbli totali għal vetturi li jgħorru merkanzija tqila (Euro/km)

## It-tniġġis ta' l-arja: jagħmel ħsara għas-saħħa fl-ibliet

Konċentrazzjonijiet għoljin ta' ożonju f'livell żero u partikulati fini qegħdin jikkawżaw problemi għas-saħħa tal-bniedem fl-ibliet. Minkejja t-tnaqqis fl-emissjonijiet, ħafna mill-popolazzjoni urbana ta' l-Ewropa għadha esposta għal konċentrazzjonijiet ta' dawn is-sostanzi li jniġġsu, li jaqbżu l-livelli stabbiliti sabiex jipproteġu s-saħħa tal-bniedem. Huwa meħtieġ li tittieħed azzjoni sabiex jitnaqqas it-tniġġis, b'mod speċjali minħabba li l-limiti u l-miri jistgħu jsiru aktar stretti bħala risposta għal xhieda akbar ta' l-impatt fuq is-saħħa f'konċentrazzjonijiet taħt il-valuri preżenti.

Is-sostanzi li jniġġsu l-arja, l-ożonju ta' livell żero u l-partikulati fini huma marbutin ma' xulxin permezz tal-prekursuri li huma jaqsmu bejniethom <sup>(32)</sup>, b'mod partikolari l-ossidi tan-nitroġenu ( $\text{NO}_x$ ) u sostanzi komposti organiċi volatili mhux metan (NMVOCs). Meta dawn jidħlu fis-sistema tan-nifs, kemm l-ożonju kif ukoll il-partikulati għandhom effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem. Dawn jinkludu l-aggravazzjoni tal-kundizzjonijiet respiratorji bħalma hija l-ażma (minn espożizzjoni fuq perijodu ta' żmien qasir) u mard respiratorju u kardjovaskulari kif ukoll mortalità prematura (minn espożizzjoni fuq perijodu ta' żmien twil) <sup>(33)</sup>. X'aktarx li l-effett tagħhom dejjem iżid, għallinqas fuq perijodu ta' żmien qasir <sup>(34)</sup>.

Dawn l-impatti fuq is-saħħa huma kkawżati minn konċentrazzjonijiet għoljin li jseħħu b'mod prinċipali fiż-żoni urbani ta' l-Ewropa Ċentrali, tal-Lvant u tan-Nofsinhar. Għal partikulati, wieħed isib livelli għoljin matul is-sena kollha, filwaqt li l-ożonju huwa b'mod ewlieni problema matul ix-xhur tas-sajf. Il-livelli ta' l-ożonju kienu b'mod speċjali għoljin matul il-mewġa tas-sħana ta' l-2003. Uħud huma aktar vulnerabbli għal konċentrazzjonijiet għoljin ta' ożonju u partikulati fini minn oħrajn. L-aġħar effetti normalment jidhru fuq it-tfal, dawk li jbatu mill-ażma u l-anzjani, kif ukoll fuq dawk li jkunu qegħdin jagħmlu eżerċizzju fil-beraħ.

Minkejja t-tnaqqis riċenti fl-emissjonijiet ta' kemm il-prekursuri ta' l-ożonju kif ukoll tal-partikulati fini (minn 30 % u 36 % rispettivament mill-1990 sa l-2001), huwa stmat li sa 45 % tal-popolazzjoni urbana ta' l-Ewropa tibqa' esposta għal konċentrazzjonijiet ta' partikulati li jaqbżu l-valuri tal-limitu u sa 30 % tal-konċentrazzjonijiet ta' l-ożonju oġhla mil-livelli fil-mira għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. It-tnaqqis fl-emissjoni mil-huq s'issa kien dovut b'mod ewlieni għall-introduzzjoni ta' katalizzaturi fuq il-karozzi l-ġodda u għall-implimentazzjoni tad-direttiva ta' l-UE dwar is-solventi, li wasslet għal inqas emissjonijiet minn proċessi industrijali.

Issa hawn evidenza dejjem ikbar ta' l-effetti ħżiena fuq is-saħħa minn konċentrazzjonijiet ta' partikulati fini u ożonju taħt il-valuri preżenti stabbiliti sabiex jipproteġu s-saħħa. Qegħdin isiru diskussjonijiet fi ħdan il-qafas tal-proċess *UE Clean Air for Europe* <sup>(35)</sup> li jistgħu jwasslu sabiex il-limiti fil-preżent jiġu kkunsidrati mill-ġdid u li eventwalment isiru aktar stretti. Il-proposti li qegħdin jiġu diskussi jinkludu l-istabbiliment ta' miri ta' tnaqqis fuq perijodu ta' żmien twil għall-2020 kemm għall-konċentrazzjonijiet tal-kwalità ta' l-arja kif ukoll għall-emissjonijiet tas-sostanzi li jniġġsu. Il-miżuri tat-teknoloġija, alternattivi dwar il-ġestjoni tad-domanda u strumenti ekonomiċi qegħdin jiġu kkunsidrati wkoll.



**L-espożizzjoni tal-popolazzjoni urbana għal livelli ta' tniġġis oġhla mill-valuri tal-limitu ta' l-UE**


Is-sistema ta' informazzjoni dwar il-kwalità ta' l-arja Ewropea *Airbase* tinkludi *data* għal partikulati (PM<sub>10</sub> il-frazzjoni tal-partikulati b'dijametru ta' 10 µm jew inqas), ożonju u dijossidu tan-nitroġenu. Bejn l-1996 u l-2001, 25-45 % tal-popolazzjoni urbana kienet esposta għal konċentrazzjonijiet ta' partikulati li kienu oġhla mill-valur tal-limitu ta' l-UE u 20-30 % għal konċentrazzjonijiet ta' ożonju oġhla mill-valur fil-mira ta' l-UE għall-ożonju. Il-popolazzjoni urbana li għaliha jistgħu jsiru l-istimi ta' l-espożizzjoni żdiedet minn 51 għal 103 miljun ruħ matul l-istess perijodu. Għaldaqstant, l-affidabilità tad-*data* żdiedet b'mod sostanzjali, iżda d-*data* bejn l-1996 u l-2001 tagħmilha diffiċli sabiex isiru konklużjonijiet sodi dwar it-tendenzi ta' l-espożizzjoni għall-ożonju jew il-partikulati.

**Emissjonijiet prekursori ta' l-ożonju**


Bejn l-1990 u l-2001, l-emissjonijiet ta' prekursori ta' l-ożonju ta' livell zero naqsu bi 30 % fl-UE-15 u bi 43 % fl-10 Stati Membri l-ġodda. It-trasport fit-triq huwa s-sors dominanti tal-prekursori ta' l-ożonju (39 % ta' l-emissjonijiet totali). Sorsi oħra ewlenin huma l-użu ta' l-enerġija (kombustjoni) u l-użu ta' solventi fl-industrija u fid-djar. It-tnaqqis fl-emissjonijiet huwa prinċipalment dovut għall-introduzzjoni ta' katalizzaturi fuq karozzi ġodda (li jaqtgħu l-emissjonijiet ta' l-ossidi tan-nitroġenu) u l-implimentazzjoni tad-Direttiva tas-solventi ta' l-UE (li tillimita l-emissjonijiet ta' sostanzi komposti volatili mhux metan minn proċessi industrijali). Bosta pajjiżi mhumiex se jilhq u l-miri tagħhom, u dan jagħmel neċessarju t-tnaqqis fl-emissjonijiet b'mod sostanzjali. L-emissjonijiet tal-prekursori ta' l-ożonju żdiedu f'Ċipru u fit-Turkija u naqsu fl-Estonja, iżda minħabba li dawn il-pajjiżi ma għandhomx miri, dawn m'humiex murija.

**L-espożizzjoni tal-popolazzjoni urbana: varjazzjonijiet ġeografiċi**


L-espożizzjoni tal-popolazzjonijiet urbani għal konċentrazzjonijiet ta' sostanzi li jniġġsu oġhla mill-valuri tal-limitu u fil-mira hija influwenzata ħafna mill-kundizzjonijiet klimatiċi u m'hijiex mifruxa ndaqis fl-Ewropa kollha. Il-limiti ta' l-ożonju b'mod ewlieni jinqabżu fil-pajjiżi Ewropej ċentrali u tan-nofsinar, għal partikulati (PM<sub>10</sub>), il-limiti jinqabżu b'mod ewlieni fil-partijiet ta' l-Ewropa bi klima xotta jew kontinentali. PM<sub>10</sub> hija spiss inqas ta' problema f'pajjiżi li fihom tagħmel ix-xita, li għandhom il-baħar, minħabba li l-preċipitazzjoni hija l-aktar mod effettiv kif jitneħħew il-partikuli erosol mill-arja. Konċentrazzjonijiet tad-dijossidu tan-nitroġenu (NO<sub>2</sub>) li jaqbżu l-valur tal-limitu fis-sena huma rreġistrati kważi esklussivament fi stazzjonijiet ta' monitoraġġ urban, b'mod speċjali daww qrib toroq li minnhom jgħaddi ħafna traffiku.



\* NO<sub>2</sub>  
\*\* PM<sub>10</sub>  
\*\*\* O<sub>3</sub>



■ FI-2001, il-pajjiż miexi sew biex jilħaq il-miri tiegħu  
■ FI-2001, il-pajjiż mhuwiex miexi sew biex jilħaq il-miri tiegħu  
\*NO<sub>x</sub> and NMVOCs



## Bidla fil-klima: Evidenza dejjem ikbar ta' l-impatt

Il-klima hija mbassra li tibqa' tinbidel, globalment u fl-Ewropa, matul il-100 sena li ġejjin. Dejjem qiegħda tiżdied l-evidenza ta' l-impatt tal-bidla fil-klima fuq is-saħħa tal-bniedem u ta' l-ekosistema kif ukoll il-vijabilità ekonomika. Se jkun meħtieġ tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet tal-gassijiet ta' l-effett serra sabiex jiġi żgurat li l-Ewropa tissodisfa l-miri dwar l-emissjoni fuq perijodu ta' żmien qasir. Jeħtieġ ukoll li jiddaħħlu fis-seħħ miżuri ta' addattament sabiex jiġġestixxu l-impatt negattiv tal-bidla fil-klima.

Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima hija prijorità ambjentali ewlenija għall-Unjoni Ewropea. It-temperatura medja fl-Ewropa żdiedet bi 0.95 °C matul dawn l-aħħar mitt sena u huwa mbassar li din ser tibqa' togħla b'sa 6.3 °C sa l-2100. Dan jikkuntrasta mal-mira indikattiva ta' l-Unjoni Ewropea li tillimita ż-żieda fit-temperatura globali fuq perijodu ta' żmien twil għal 2 °C. Il-livelli tal-baħar qegħdin jiżdiedu wkoll (b'sa 0.2 m matul is-seklu li għadda) u dawn huma mbassra li se jrin jiżdiedu aktar. L-impatt fuq il-ġlacieri jidher wkoll, minħabba li r-reġjuni glaċjali kollha ta' l-Ewropa minbarra wieħed qegħdin imorru lura <sup>(36)</sup>.

Il-konsegwenzi tal-bidla fil-klima jinkludu telf ekonomiku li jirriżulta minn avvenimenti relatati mat-temp u mal-klima bħal ma huma l-għargħar, maltempati u perjodi twal bla xita. Fl-Ewropa, dan it-telf żdied b'mod sostanzjali matul dawn l-aħħar 20 sena għal medja ta' 10 biljun EUR fis-snin disgħin. In-numru ta' avvenimenti ta' diżastru relatati mat-temp u mal-klima fl-Ewropa fis-sena rdoppja matul is-snin disgħin meta mqabbel ma' l-għaxar snin ta' qabel, filwaqt li l-avvenimenti mhux klimatiċi bħal terrimoti baqgħu kostanti. Erbgħa mill-ħames snin bl-akbar telf ekonomiku seħħew mill-1997 'l hawn.

Impatti oħra jinkludu żieda ta' madwar għaxart ijiem fl-istaġun tat-tkabbir medju fl-Ewropa matul dawn l-aħħar għoxrin sena. Madankollu, it-tbassir jindika li dan l-iżvilupp pożittiv jista', f'xi żoni, jiġi kkontrobbilancjat b'riskju akbar ta' nuqqas ta' ilma, li jista' jkun ta' ħsara għall-veġitazzjoni. Dawn il-bidliet fit-tul ta' l-istaġun tat-tkabbir jistgħu jeħtieġu miżuri ta' addattament u bidliet fl-istrateġiji ta' protezzjoni għall-agrikoltura u għan-natura.

Il-Protokoll ta' Kjoto stabbilixxa mira li jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet ta' l-effett serra minn pajjiżi industrijalizzati sa 5 % taħt il-livelli ta' l-1990 sal-perijodu 2008–2012. Studju riċenti jikkonferma l-istimi preċedenti li biex il-bidla fil-klima tittaffa' fuq perijodu ta' żmien twil, jinħtieġ tnaqqis fl-emissjonijiet globali ħafna akbar <sup>(37)</sup>. Bosta Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea stabbilixxew miri indikattivi sabiex inaqqsu b'mod sostanzjali l-emissjonijiet tagħhom. Per eżempju, ir-Renju Unit u l-Ġermanja għandhom miri ta' tnaqqis ta' 60 % u 30 % (mil-livelli ta' l-1990), li għandhom jintlaħqu sa l-2050 u l-2030 rispettivament.

Anki jekk l-Ewropa u reġjuni oħra naqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra tagħhom b'mod sostanzjali, matul dawn il-ftit għexieren ta' snin li ġejjin, is-sistema tal-klima hija mistennija li tkompli tinbidel matul is-sekli li ġejjin. Dan il-fatt huwa dovut għad-dewmien twil qabel ma' l-politika ta' tnaqqis ta' l-emissjoni jkollha effett fuq il-konċentrazzjonijiet tal-gass b'effett serra u dan min-naħa tiegħu, fuq il-klima. Għalhekk, barra mit-tnaqqis fl-emissjonijiet, hemm dejjem aktar bżonn ta' addattament għal bidla fil-klima, mhux biss fil-pajjiżi li għandhom qegħdin jiżviluppaw, li huma l-aktar vulnerabbli, iżda wkoll fl-Ewropa.

**Tendenza tat-temperaturi osservata fl-Ewropa**



It-temperatura globali medja żdiedet b'0.7 (± 0.2) °C matul dawn l-aħħar mitt sena. Is-snin disgħin kienu l-aktar għaxar snin sħan fir-rekord ta' osservazzjoni, u l-1998, 2002 u l-2003 kienu l-aktar snin sħan. L-Ewropa saħnet aktar mill-medja globali b'żieda ta' 0.95 °C fl-1900. Il-mira ta' l-UE li tillimita ż-żieda fit-temperatura globali għal mhux aktar minn 2.0 °C ogħla mil-livelli pre-industrijali hija mistennija li tinqabeż madwar l-2050. L-impatti tal-bidla fil-klima huma spiss mhux stabbiliti mit-temperatura medja annwali iżda b'temperatura staġjonali. Eżempju, il-bidu u t-tmiem ta' l-istaġun tat-tkabbir huma stabbiliti bit-temperatura tar-rebbiegħa u tal-ħarifa, filwaqt li l-bidliet fit-temperatura tax-xitwa huma importanti għar-rata tas-sopravivenza ta' l-ispeċi fix-xitwa.

**Bidla medja fil-glaċieri Ewropej**


Il-glaċieri fir-reġjuni kollha glaċjali ta' l-Ewropa għajr għan-Norveġja qegħdin jirtiraw, b'mod konsistenti mat-tendenza globali. Il-glaċieri kostali tan-Norveġja qegħdin jespandu minħabba żieda fil-borra fix-xitwa. Mill-1850 sa l-1970, il-glaċieri fl-Alpi Ewropej tilfu bejn wieħed u ieħor terz ta' l-erja tagħhom u nofs il-piż tagħhom. Sa mill-1980, intilfu 20–30 % oħra tal-bqija tas-silġ. L-irtirar glaċjali qiegħed issa jilħaq livelli li jisbqu dawk ta' l-aħħar 10 000 sena. Huwa ferm probabbli li l-irtirar glaċjali se jibqa' jseħħ. Sa l-2050, madwar 75 % tal-glaċieri fl-Alpi Svizzeri huma mistennija li jgħibu. L-ammont ta' silġ fil-baħar Arktiku qiegħed jonqos ukoll b'madwar 0.3 % fis-sena, tendenza li għiet irreġistrata għal dawn l-aħħar 25 sena (38).

**Bidliet osservati fit-tul ta' l-istaġun tat-tkabbir**

L-istaġun tat-tkabbir annwali medju f' bosta żoni ta' l-Ewropa żdied b'madwar għaxart ijiem fuq dawn l-aħħar għoxrin sena u ser jitwal aktar fil-futur. Il-bijomassa ħadra (*needles* u *weraq*) tal-veġetazzjoni żdiedet bi 12 %, indikatur ta' tkabbir aħjar tal-pjanti. Dawn l-effetti pożittivi taż-żieda fit-temperatura fuq it-tkabbir tal-pjanti jista' jiġi megħlub b'riskju ikbar ta' nuqqas ta' ilma li jagħmel ħsara għall-veġetazzjoni. Xi kultivazzjonijiet u siġar jeħtieġu temperaturi aktar baxxi fix-xitwa sabiex jagħtu bidu għall-ftuħ tal-blanzuni fir-rebbiegħa. Dawn l-ispeċi ma jistgħux jikbru aktar f' żoni fejn it-temperaturi tax-xitwa qegħdin isiru għoljin wisq. Dan is-sett ta' *data* ma jkoprix Franza, l-Italja, Spanja jew il-Portugall.



\* Il-bilanċ tal-piż nett speċifiku (kumulattiv): jiġifieri l-bidla netta hija l-volum glaċjali mfiisser bħala l-ammont ekwivalenti ta' ilma likwidu meħud bħala medja fuq il-wiċċ tal-glacier (m/sena).



## Sorsi ta' informazzjoni

<b>L-aħħar informazzjoni</b>	<b>Isem ta' l-indikatur f'Sinjali ta' I-EEA 2004</b>	<b>Sorsi ta' informazzjoni</b>
L-Ewropa fl-2004: Perspettiva ambjentali	Tkabbir fil-popolazzjoni	Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti, Taqsima Popolazzjoni tad-Dipartiment għall-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali
	Il-konsum ta' l-enerġija u l-prodott gross domestiku	Eurostat
	It-tendenzi fl-impjegi fl-Ewropa, il-Ġappun u fl-Istati Uniti	Annual macroeconomic database (Ameco), DG ECFIN, Kummissjoni Ewropea
	Żoni ta' l-art mibnija	EEA, Corine Land Cover Eurostat
	Konsum materjali dirett	Eurostat
	Popolazzjoni urbana	Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti, Taqsima Popolazzjoni tad-Dipartiment għall-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali
Agrikoltura: Impatt fuq il-bijodiversità	Infq fuq l-iżvilupp rurali	Kummissjoni Ewropea
	Popolazzjonijiet ta' għasafar	European Bird Census Council (EBCC); Wetlands international, international waterbird census
	Żoni ta' biedja organika	Welsh Institute of Rural Affairs
Tniġġis ta' l-ilma: Ġestjoni tan-nitrat	Art tal-ħrit f'żoni ta' qbid ta' l-ilma 'l fuq min-nixxieġha	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (Eurowaternet)
	Konċentrazzjonijiet ta' nitrati fix-xmajjar	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (Eurowaternet)
	Konċentrazzjonijiet ta' nitrati fl-ilma ġieri	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (Eurowaternet)
Natura: Inkabbru sal-massimu l-valur taż-żoni protetti	Implementazzjoni tad-direttiva ta' l-ambjenti naturali	Kunsill ta' l-Ewropa UNEP/WCMC (World Conservation Monitoring Centre) EEA, CDDA (Ġabra ta' data oriġinali mill-EEA) DG Ambjent (Direttivi dwar l-Ambjenti Naturali u l-Għasafar)
	Qabdiet ta' ħut barra l-limiti ta' sigurtà	DG Sajd, Kummissjoni Ewropea
	Abbundanza ta' zooplankton	M. Edwards; Sir Alister Hardy Foundation for Ocean Science
Ippakkjar ta' l-iskart: Għadu qiegħed jiżdied	Ġenerazzjoni ta' l-ippakkjar ta' l-iskart	DĠ Ambjent
	Trattament ta' l-ippakkjar ta' l-iskart	DĠ Ambjent
	Proporzjon ta' l-ippakkjar ta' l-iskart riċiklat	DĠ Ambjent
Enerġija sostenibbli: Għad fadal ħafna xi jsir	Progress imbassar lejn il-miri tal-Protokoll ta' Kjoto	UNFCCC DĠ Ambjent (UE GHG Monitoring Mechanism)
	Konsum totali ta' l-enerġija skond it-tip ta' fjuwil	Eurostat, Tbassir tal-Kummissjoni Ewropea PRIMES
	Sorsi ta' enerġija rinovabbli bħala porzjon mill-konsum ta' l-elettriku	Eurostat, Universtà Nazzjonali Teknika ta' Ateni għall-proġezzjonijiet

<b>L-aħħar informazzjoni</b>	<b>Isem ta' l-indikatur f'Sinjali ta' I-EEA 2004</b>	<b>Sorsi ta' informazzjoni</b>
Trasport: Prezzijiet bi spiża sħiħa meħtieġa	Żieda fit-trasport u l-prodott gross domestiku	Eurostat, DG TREN, UNECE, Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport (ECMT)
	Emissjonijiet mit-trasport ta' sostanzi li jniġġsu l-arja	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, UNFCCC/EMEP
	Il-progress fl-ispejjeż relatati mad-distanza għal vetturi li jgħorru merkanzija tqila fuq it-toroq pinċipali	DG TREN, Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport
It-Tniġġis ta' l-arja: Ħsara għas-saħħa fl-ibliet	L-espożizzjoni tal-popolazzjoni urbana għal livelli ogħla mil-limiti ta' l-UE	DĠ Ambjent (Deċiżjoni dwar Skambju ta' Informazzjoni), Airbase Eurostat
	Emissjonijiet tal-prekursur ta' l-ożonju	UNECE/CLRTAP/EMEP UNFCCC DĠ Ambjent (UE Monitoring Mechanism, NEC Directive) Eurostat
	L-espożizzjoni tal-popolazzjoni urbana: varjazzjonijiet ġeografiċi	DĠ Ambjent (Deċiżjoni dwar Skambju ta' Informazzjoni), Airbase, Eurostat
Bidla fil-klima: Evidenza dejjem tikber ta' l-impatt	Tendenza fit-temperatura osservata fl-Ewropa	Climate Research Unit, University of East Anglia, Norwich, UK
	Bidla medja fil-glaċieri Ewropej	Frauenfelder, 2003 (World Glacier Monitoring Service)
	Bidliet osservati matul l-istaġun tat-tkabbir	Menzel, 2002

## Kwalità ta' I-informazzjoni

L-aħħar informazzjoni	Isem ta' l-indikatur	Rabta mas-sett prinċipali ta' indikaturi (iva/le)/(Isem)	Kopertura tal-pajjiżi	L-aħħar informazzjoni	Kwalità ta' l-informazzjoni
L-Ewropa fl-2004: Perspettiva ambjentali	Tkabbir fil-popolazzjoni	le	EEA-31	2000 bi proġezzjoni għall-2050	***
	Konsum ta' enerġija u prodott gross domestiku	iva Konsum ta' l-enerġija totali	UE-25	2000	***
	Tqabbil tat-tkabbir fl-impjegi u l-produttività fix-xogħol ta' l-Ewropa, il-Ġappun u l-Amerika	le	UE-15	2002	***
	Żona ta' l-art mibnija	iva Teħid ta' art	19-il pajjiż	2000 (jew l-aħħar data disponibbli)	**
	Konsum materjali dirett	le	UE-15	2000	**
	Popolazzjoni urbana	le	EEA-31	2020 (tbassir)	***
Agrikoltura: Impatt fuq il-bijodiversità	Infiq fuq l-iżvilupp rurali	le	UE-15	2002	***
	Popolazzjonijiet ta' għasafar	iva Diversità ta' speċi	UE-15	2002	**
	Żoni ta' biedja organika	iva Żona li ssir biedja organika	EEA-31	2002	***
Tniġġis ta' l-ilma: Ġestjoni tan-nitrati	Art li tinħarat f'żoni ta' qbid ta' ilma 'l fuq min-nixxiegħa	iva Nutrijenti fl-ilma ħelu	12-il pajjiż	2001	**
	Konċentrazzjonijiet ta' nitrati fix-xmajjar	iva Nutrijenti fl-ilma ħelu	24 pajjiż	2001	**
	Konċentrazzjonijiet ta' nitrati fl-ilma ta' taħt l-art	iva Nutrijenti fl-ilma ħelu	24 pajjiż	2001	**
Natura: Inkabbri sal-massimu l-valur taż-żoni protetti	Implementazzjoni tad-direttiva dwar l-ambjenti naturali	iva Żoni msemmija	UE-15	2003	**
	Qabdiet ta' ħut barra l-limiti ta' sigurtà	iva Status ta' stokks ta' l-ilma tal-baħar	UE-15		**
	Abundanza ta' zooplankton	le	Mhux applikabbli	2002	***
Ippakkjar ta' l-iskart: Għadu qiegħed jiżdied	Ġenerazzjoni ta' l-ippakkjar ta' l-iskart	Iva Ġenerazzjoni u riċiklaġġ ta' l-ippakkjar ta' l-iskart	UE-15	2001	**
	Trattament ta' l-ippakkjar ta' l-iskart	iva Ġenerazzjoni u riċiklaġġ ta' l-ippakkjar ta' l-iskart	UE-15	2001	**
	Proporzjon ta' l-ippakkjar ta' l-iskart riċiklat	iva Ġenerazzjoni u riċiklaġġ ta' l-ippakkjar ta' l-iskart	UE-25	2001 (2002 għall-10 ġodda)	**
Enerġija sostenibbli: Għad fadal ħafna xi jsir	Progress imbassar fl-ilhug tal-miri tal-Protokoll ta' Kjoto	iva Projezzjoni-jiet ta' l-emissjonijiet u tneħħija ta' gass b'effett serra u linji politiċi u miżuri	22 pajjiż	2001 projezzjoni għall-2010	***
	Konsum totali ta' l-enerġija skond it-tip ta' fjuwil*	iva Konsum totali ta' l-enerġija	UE-25	2001 projezzjoni għall-2030	***
	Sorsi ta' enerġija rinovabbli bħala porzjon mill-konsum ta' l-elettriku*	iva Elettriku rinovabbli	UE-25	2001	***

L-aħħar informazzjoni	Isem ta' l-indikatur	Rabta mas-sett prinċipali ta' indikaturi (iva/le)/(Isem)	Kopertura tal-pajjiżi	L-aħħar informazzjoni	Kwalità ta' l-informazzjoni
Trasport: Prezzijiet bi spiża sfiha meħtieġa	Żieda fit-trasport u l-prodott gross domestiku	iva Domanda għat-trasport tal-passiġġieri, domanda għat-trasport ta' merkanzija	UE-15	2000	**
	Emissjonijiet mit-trasport ta' sostanzi li jniġġsu l-arja	iva Emissjonijiet u tneħħija ta' gass b'effett serra, Emissjonijiet ta' sostanzi aċidużi, Emissjonijiet ta' prekursori ta' l-ożonju, Emissjonijiet ta' prekursori ta' partikulati primarji u sekondarji	EEA-31	2001	**
	Il-progress fl-ispejjeż relatati mad-distanza għal vetturi li jgħorru merkanzija tqila fuq it-toroq prinċipali	iva Domanda għat-trasport tal-passiġġieri, domanda għat-trasport ta' merkanzija	UE-15	2001	**
It-Tniġġis ta' l-arja: Ħsara għas-saħħa fil-bliet	L-espożizzjoni tal-popolazzjoni urbana għal livelli oġhla mil-limiti ta' l-UE	iva Qbiż tal-valuri tal-limitu tal-kwalità ta' l-arja f'żona urbana	EEA-31	2001	**
	Emissjonijiet tal-prekursur ta' l-ożonju	iva Emissjonijiet ta' prekursori ta' l-ożonju	UE-25	2001	**
	L-espożizzjoni tal-popolazzjoni urbana: varjazzjonijiet ġeografiċi	iva Qbiż tal-valuri tal-limitu tal-kwalità ta' l-arja f'żona urbana	18-il pajjiż	2001	**
Bidla fil-klima: Evidenza dejjem tikber ta' l-impatt	Tendenza tat-temperatura osservata fl-Ewropa	iva Temperatura globali u Ewropea	EEA-31	1999 (data disponibbli għall-2003 iżda meħuda fuq medja ta' 5 snin)	***
	Bidla medja fil-ġlacieri Ewropej	le	Pajjiżi magħżula	2001	***
	Bidliet osservati matul l-istaġun tat-tkabbir	le	Pajjiżi magħżula	1995	***

Stilel: \*\*\*=kwalità għolja, \*\*=kwalità medja u \*=kwalità baxxa



## Aktar qari

Wieħed jista' jsib l-informazzjoni kollha użata f'dan ir-rapport fil-fajl ta' l-*excel* assoċjat 'Data for Signals 2004' li jista' jitniżżel mid-direttorju ta' l-EEA Signals 2004 directory f'<http://reports.eea.EU.int/>

Il-folji ta' fatti tematiċi jistgħu jitniżżlu minn <http://themes.eea.EU.int/indicators/>

Wieħed jista' jsib id-definizzjonijiet tat-termini fil-glossarju ambjentali multilingwali ta' l-EEA f' <http://glossary.eea.EU.int/EEAGlossary/>

### Rapporti ta' l-EEA

EEA (1999); *Environment in the European Union at the turn of the century*; Rapport ta' l-istima ambjentali Nru 2

EEA (2002); *Environmental signals 2002 — Benchmarking the millennium*; Rapport ta' l-istima ambjentali Nru 9

EEA (2002); *TERM 2002 — Paving the way for EU enlargement — Indikaturi ta' l-integrazzjoni tat-trasport u l-ambjent*; Rapport ta' kwistjonijiet ambjentali Nru 32

EEA (2002); *Greenhouse gas emission trends and projections in Europe*; Rapport ta' kwistjonijiet ambjentali Nru 33

EEA (2003); *Europe's environment: the third assessment*; Rapport ta' l-istima ambjentali Nru 10

EEA (2003); *Air pollution by ozone*; Rapport tematiku Nru 3/2003

EEA (2003); *Europe's water: An indicator-based assessment*; Rapport tematiku Nru 1/2003

EEA (2004a); *Air pollution in Europe 1990–2000*; Rapport tematiku Nru 4/2003

EEA (2004b); *Arctic environment: European perspectives, why should Europe care?*; Rapport ta' kwistjonijiet ambjentali Nru 38

EEA (2004c); *Agriculture and the environment in the accession countries — Implications of applying the EU common agricultural policy*; Rapport ta' kwistjonijiet ambjentali Nru 37

EEA (2004d); *Exploring the ancillary benefits of the Kyoto Protocol for air pollution in Europe*; Rapport tekniku Nru 93

EEA (2004e); *An inventory of biodiversity indicators in Europe 2002*; Rapport tekniku Nru 92



EEA (2004f); *Climate change impacts in Europe: Today and in the future*; EEA, (fl-istampa)

EEA (2004g); *EEA strategy 2004–2008*

EEA (2004h); *Greenhouse gas emission trends and projections in Europe*, Rapport ta' kwistjonijiet ambjentali Nru 36 (fl-istampa)

EEA / UNEP (2004i); *High nature value farmland*; Rapport ta' l-EEA 1/2004

EEA (2004j); *Mapping the impacts of recent natural disasters and technological accidents in Europe*; Rapport ta' kwistjonijiet ambjentali Nru 35

### **Referenzi Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea**

Kummissjoni Ewropea (2001); *Environment 2010: Our future, our choice*, Is-sitt programm ta' azzjoni ambjentali; KUMM (2001) 31 finali

Kummissjoni Ewropea (2001b); *A sustainable Europe for a better world: A European Union Strategy for sustainable development*; KUMM (2001) 264 finali

Kummissjoni Ewropea (2002); *The Lisbon strategy — making change happen*; KUMM (2002) 14 finali

## Noti

- (1) Sabiex issir l-aktar ekonomija kompetittiva msejsa fuq it-tagħrif u dinamika fid-dinja li kapaċi żżomm tkabbir ekonomiku sostenibbli b'aktar xogħlijiet u b'xogħlijiet aħjar u b'koeżjoni soċjali akbar. Kummissjoni Ewropea (2002b).
- (2) Teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq it-tagħrif; aktar involviment mill-azzjonisti; aktar żvilupp tal-leġislażżjoni kwadra, aktar analiżi *ex-post* fuq l-effetti u l-effettività; aktar stimi ta' l-impatt (sostenibilità) *ex-ante*.
- (3) EEA (1999); *Environment in the European Union at the turn of the century*; p. 72.
- (4) EEA (2004) p. 24; Rapport ta' l-isfond għall-istat ta' l-ambjent ta' l-EEA u r-rapport ta' perspettiva fl-2005: Il-konsum u l-ambjent fl-Ewropa, tendenzi u l-futur, EEA.
- (5) Eżempju, ekonomija ta' skala jfissru li dar b'żewġ persuni tikkonsma 20 % inqas enerġija minn żewġ idjar ta' persuna l-waħda. Konsegwentament, ħafna mix-xenarji ma juru ebda tnaqqis sinifikanti fuq it-30 sena li ġejjin fil-kontribuzzjoni magħmula minn djar għal emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub>. Dar b'żewġ persuni hija mistennija wkoll li tuża 300 litru ta' ilma kuljum, filwaqt li dar b'persuna waħda hija mistennija li tuża madwar 210 litri kuljum.
- (6) UE-25.
- (7) UN data: <http://www.unhabitat.org/habredd/trends/europe.html>
- (8) UNEP/AEA (2004i); *High nature value farmland*.
- (9) Fit-tabelli grafiċi li jinsabu f'dan ir-rapport kollu, l-għaxar Stati Membri l-ġodda ta' l-Unjoni Ewropea ta' wara t-tkabbir issir referenza għalihom bħala l-10 pajjiżi ġodda; il-15-il Stat Membru ssir referenza għalihom bħala UE-15; l-Unjoni Ewropea mkabbra issir referenza għaliha bħala UE-25. Il-pajjiżi kandidati — ir-Rumanija, il-Bulgarija u t-Turkija — issir referenza għalihom bħala PK-3. Il-pajjiżi membri ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent issir referenza għalihom bħala EEA-31.
- (10) It-terminu 'intensifikazzjoni agrikola' joqgħod għal varjetà ta' proċessi, inkluż il-mekkaniżmu, użu akbar ta' fertilizzanti u pestiċidi għal kull ettaru, żieda fin-numru ta' bhejjem għal kull ettaru, u inqas diversità ta' kultivazzjonijiet fuq kull razzett.
- (11) Id-Direttiva 79/409/KEE u 92/43/KEE.
- (12) EEA (2004c); *Agriculture and the environment in the accession countries: Implications of applying the UE common agricultural policy*. Kopenhagen.
- (13) Madankollu, l-ġeoloġija tal-bażi għandha rwol fundamentali fl-istabbiliment ta' kemm huwa mniġġes l-ilma ta' taħt l-art.
- (14) Dan għandu x'jaqsam mal-korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art li għalihom hemm *data* disponibbli. Hemm *data* disponibbli għal bosta mill-korpi ta' taħt l-art użati għall-ilma tax-xorb iżda mhux neċessarjament għal ilmiġiet ta' taħt l-art aktar fil-fond u aktar antiki li huma użati b'mod inqas frekwenti għal ilma tax-xorb. Huwa mistenni li dan ta' l-aħħar jikkontamina ruħu malli t-tniġġis bin-nitrati jnixxi 'l isfel.
- (15) *Implementation of Council Directive 91/676/EEC concerning the protection of waters against pollution caused by nitrates from agricultural sources. Synthesis from 2000 Member States reports*. Kummissjoni Ewropea, Il-Lussemburgu, 2002.
- (16) Pretty, *et al.*, Essex University (2002); citata fl-EEA (2003), *Development of storylines for the integrated environmental assessment of water*, it-tielet abbozz.
- (17) (...) L-istandards tad-direttiva dwar l-ilma tax-xorb tapplika għal ilma ttrattat fil-vit tal-konsumatur, mhux fil-korp ta' l-ilma.
- (18) Dan il-valur totali ma jinkludix spejjeż ta' rispons għall-politika, jiġifieri, l-ispejjeż imġarrba mir-risposta għall-ewtrofikazzjoni permezz ta' monitoraġġ u trattament [fl-EEA (2003); *Development of storylines for the integrated environmental assessment of water*, it-tielet abbozz].
- (19) Eż. Il-Konvenzjoni Ramsar dwar il-Wetlands, direttivi dwar l-għasafar ta' l-UE u l-abitati u n-netwerk Natura 2000.
- (20) Pjan ta' Azzjoni ta' Durban, Settembru 2003.
- (21) Jekk jogħġbok innota li f'dan il-kuntest 'suffiċjenti' hija stabbilita permezz ta' proċess politiku li jinvolvi l-evalwazzjoni f'seminars f'regġuni bioġeografiċi.
- (22) EEA (2003); Riżultati preliminari minn mudell makro-ekonometriku (tbassir bażi); Studju ta' l-isfond mibdi għall-istat ta' l-ambjent u r-rapport ta' perspettiva ta' l-EEA 2005.

- (23) ETC/WMF (2003); *Evaluation analysis of the implementation of packaging waste policies in five EU countries*, rapport interim.
- (24) Pajjiżi fejn qiegħed isir l-istudju: id-Danimarka, l-Awstrija, l-Irlanda, l-Italja u r-Renju Unit.
- (25) Dr Caroline Jackson MPE fil-Konferenza ASSURRE (Assoċjazzjoni għal użu sostenibbli u rkupru tar-riżorsi fl-Ewropa) dwar 'Użu aħjar tar-riżorsi — mill-istrateġija għat-twettiq', Brussel, 6 ta' Novembru 2003.
- (26) KUMM(2003)739 finali.
- (27) Ikkalkulat ibbażat fuq il-konsum medju ta' l-enerġija għall-aktar ħames perjodi ta' snin kalendarji reċenti għall-implimentazzjoni tad-Direttiva.
- (28) Il-proposta teħtieġ ukoll li l-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ strutturi regolatorji sabiex jindirizzaw ostakoli għall-iżvilupp u implimentazzjoni tal-politika ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija.
- (29) Inkluż: l-iskema ta' negozjar ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett serra ta' l-UE, li tidba fl-2005; promozzjoni ta' l-elettriku minn enerġija rinovabbli; promozzjoni ta' sħana u saħħa magħquda (CHP); titjib fir-rendiment ta' l-enerġija tal-bini u l-effiċjenza fl-enerġija f'installazzjonijiet industrijali kbar; il-promozzjoni ta' l-użu ta' apparat li jiffranka l-enerġija; u t-tnaqqis fl-emissjonijiet medji tad-dijossidu tal-karbonju tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri.
- (30) Dawn l-istrumenti huma implimentazzjoni konġunta ma' pajjiżi industrijalizzati fl-Ewropa tal-Lvant; il-mekkaniżmu ta' żvilupp nadif ma' pajjiżi li għadhom qegħdin jiżviluppaw; u 'sinks' tal-karbonju (foresti u ħamriji). Xi pajjiżi diġà bdew jallokaw u jonfqu riżorsi finanzjarji sostanzjali fuq proġetti bħal dawn.
- (31) Ara r-rapport TERM (2002) *Paving the way for EU enlargement*; u l-*fact sheets* assoċjati.
- (32) Prekursuri huma sostanzi kimiċi li jagħtu bidu għal sostanzi oħra.
- (33) HEI (2003); *Revised Analyses of Time-Series Studies of Air Pollution and Health*. Istitut għall-Effetti fuq is-Saħħa (HEI). Mejju 2003. <http://www.healtheffects.org/Pubs/TimeSeries.pdf>; US EPA, (2003); Web site (fuljett PM<sub>10</sub>) ta' l-Aġenzija għall-Protezzjoni Ambjentali ta' l-Istati Uniti (US EPA). <http://www.epa.gov/air/aqtrnd97/brochure/pm10.html>; WHO (2003); *Health Aspects of Air Pollution with Particulate Matter, Ozone and Nitrogen Dioxide*. Rapport fuq Grupp ta' Ħidma ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Bonn, Il-Ġermanja. 13–15 ta' Jannar 2003.
- (34) <http://www.euro.who.int/document/e79097.pdf>
- (35) CAFÉ (2003); grupp ta' ħidma fuq kwistjonijiet ta' partikulati. Abbozz tal-karta tat-tieni pożizzjoni fuq kwistjonijiet ta' partikulati, Awissu 2003.
- (36) EEA (2004f); *Climate change impacts in Europe: Today and in the future*.
- (37) Il-WGBU (2003) ippropona li jnaqqas l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> globali minn fjuwil fossili b'45–60 % mil-livelli ta' l-1990 sa l-2050. [WGBU (2003); *World in transition: Towards sustainable energy systems*, Kunsill Konsultattiv Ġermaniż dwar il-Bidla Globali, Berlin].
- (38) Impatti minħabba bidla fil-klima fl-arktiku, u informazzjoni dwar is-silġ fil-baħar ta' l-Arktiku minn EEA (2004b).

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

**Sinjali ta' l-EEA 2004**  
**Aġġornament ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar**  
**kwistjonijiet magħżula**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

2004 — 36 pp. — 21 x 29.7 cm

ISBN 92-9167-755-8  
ISSN 1830-3048